# IL-PULIZIJA

Marzu 2021 · Vol 28 · Nru 1




NEWSPAPERPOST

# THE RIGHT ENERGY **SAVINGS CHOICE**

BOV Personal Energy Loan



Start saving and be part of a sustainable future with new double glazing apertures.

**Talk to us | 2131 2020 | bov.com**

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). | COM 2411

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
*"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"*
Project part-financed by the European Regional Development Fund
Co-financing rate: 80% European Union Funds; 20% National Funds

#Believe InSmall

BOV
Bank of Valletta

EERE Malta is co-financed by the Republic of Malta, the European Union under the European Regional Development Fund.

# Kontenut


**04** **Il-Messaġġ tal-Kummissarju**

**06** **Dan l-aħħar**
Minn PC 2025 Charlene Cilia

**14** **Smart Policing**
Minn Timothy Zammit

**19** **Automated Border Patrol**
Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

**21** **Opportunitajiet għan-nisa**
Minn Dr. Mark Said

**27** **Questions & Answers**
Minn Dr. Mary Muscat

**31** **Databases tal-Interpol u Europol** Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

**32** **Raymond Pitrè**
Minn SM1133 Joe Borġ

**37** **Malta Police Association**

**40** **L-impatt tas-suwiċidju**
Employee Support Programme Unit

**45** **Police Officers Union**

**49** **International Police Association**

**51** **Paġna tal-Isports**
Intervisti lill-membri tal-Korp

**55** **Pensjonanti**
Eks Surġent u Teżorier Joseph Borda

**59** **Rokna ta' tfal**
Tpinġija mit-tfal

**60** **Apprezzamenti**
Mingħand il-Kommunità

**62** **Obitwarju**


# Editorjal

Dan l-editorjal qed jinkiteb f'waħda mill-ġranet ta' numru rekord ta' każijiet pożittivi ta' COVID-19, fejn minn ħin għal ieħor qed nistennew iżjed restrizzjonijiet u iżjed miżuri x'ninfurzaw, għax fl-aħħar mill-aħħar kollox f'ħoġorna. Jekk nenforzaw għax mhux qed inkunu prattiċi u jekk ma jinħarġux wisq multi għax m'aħniex nenforzaw biżżejjed. Imma fl-aħħar mill-aħħar l-importanti huwa li kull waħda u wieħed minnha jkollu l-kuxjenza safja li minkejja l-ostakli kollha, qed jagħmel id-dover tiegħu sabiex jgħin lill-pajjiż joħroġ minn dis-sitwazzjoni. U sabiex ma nkomplix nitfa wisq melħ fuq il-ferita, iddeċidejt li niddedika l-bqija ta' dan l-editorjal għal suġġett kompletament differenti.

Artiklu mill-iżjed interessanti li għandna f'din il-ħarġa (anke ghal dawk li mhux daqstant dilettanti tal-istorja) huwa dwar l-artist u eks Pulizija Raymond Pitrè. Fost l-affarijiet interessanti li elenka s-Sur Pitrè hemm il-fatt, li kienu s-superjuri tiegħu, fosthom il-Kummissarju ta' dak iż-żmien li propju għarfu fih it-talent u imbuttawh biex jiżvilluppah. U forsi dan l-eżempju juri kemm hu importanti li nosservaw it-talenti tan-nies ta' madwarna u mhux biss nirrikonoxxuhom imma ntuhom l-opportunità li jiffjorixxu fil-qasam tagħhom. Riċentament dan l-aspett jidher li qed jingħata l-attenzjoni li jistħoqqlu, b'mod speċjali fejn jidħlu sejħiet u promozzjonijiet interni, fejn il-Korp qed jirrikonoxxi qabel xejn il-kwalitajiet u l-kwalifiċi tal-membri tiegħu. Naturalment jibqa' l-lok fejn wieħed jista' jagħmel iżjed, mhux biss mill-amministrazzjoni imma anke mill-membri li jgħaddu suġġerimenti f'dan ir-rigward.

Il-Ħidma t-Tajba.

# Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PS 2003 - Joanna Vella
PC 2019 - Daniela Grima Sultana




Ritratt mill-Uffiċċju tal-Kommunikazzjoni


**Disinn u Fotografija**
Jean Paul Vella
PC 920 - Clive Pace

**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew ***magazine.police@gov.mt***

**Riklamar**
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS



# Il-Messaġġ tal-Kummissarju

**SINJALI INKORAĠĠANTI**

L-2021 bdiet bil-Covid-19, l-ikbar sfida tal-2020 u ta' ġenerazzjonijiet sħaħ, li għadha preżenti fostna. Minkejja dan xorta waħda nemmen li l-ewwel kwart ta' din is-sena għandu jimla b'ottimiżmu u entużjażmu lilna l-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Fl-ewwel ġimgħat tas-sena kienet ippubblikata analiżi dettaljata li wriet kif is-sena li għaddiet ir-rata ta' kriminalità f'pajjiżna reġgħet naqset għar-raba' sena konsekuttiva. It-tnaqqis tal-2020 imqabbel mal-2019 kien ta' 16%, l-akbar tnaqqis qatt irreġistrat fuq is-sena ta' qabel.

Bi ftit aktar minn tlettax-il elf rapport irrappurtat lill-Pulizija s-sena l-oħra, it-tieni lanqas rata fl-aħħar għoxrin sena, pajjiżna huwa tassew wieħed fost l-aktar sikuri fid-dinja. Huwa minnu li l-Covid-19 setgħet naqqset xi opportunitajiet ta' reati, iżda fl-istess ħin żiedet oħrajn.

Kien hemm oqsma bħas-serq fejn it-tnaqqis kien wieħed konsiderevoli. Mill-banda l-oħra wieħed irid jinnota ċertu żidiet, partikolarment fil-każijiet ta' vjolenza domestika liema każijiet żdiedu b'rata aktar mgħaġġla mindu ċċentralizzajna l-investigazzjonijiet ta' dawn it-tipi ta' każijiet f'Ottubru li għadda.

> *M'hemmx dubju li kull wieħed u waħda mill-membri tal-Korp li joħorġu għal jum ta' xogħol b'impenn għandhom sehem importanti minn dan is-suċċess.*

Dan huwa sinjal ċar kemm il-vittmi ta' vjolenza domestika llum qed iħossuhom aktar komdi jersqu għand il-Pulizija biex jirrappurtaw vjolenza kommessa mill-maħbubin tagħhom. Is-sena l-oħra ġiet osservata wkoll żieda sostanzjali fir-reati marbuta mal-użu tal-kompjuter li hija riflessjoni ta' kemm il-kriminalità qed tevolvi minn dinja fiżika għal waħda virtwali. Quddiem dawn ir-realtajiet dmirna hu li ninvestu iktar fir-riżorsi u fit-taħriġ u li nifhmu li rridu nbiddlu l-operat tagħna għar-realtajiet il-ġodda.

F'dan il-każ, pereżempju, il-Korp għaddej b'investiment konsiderevoli sabiex sa Settembru li ġej it-Taqsima tas-Cyber Crime hija mistennija li żżanżan uffiċini ġodda b'teknoloġija avvanzata li għandha tiffaċilita ħidmietna f'dan is-settur.

Meta nwieġbu għall-bidliet ta' madwarna r-riżultat jinkiseb.

Fil-fatt, fir-rapport dwar il-kriminalità fl-2020 il-Professur Saviour Formosa rrikonoxxa l-ħidma preventiva tal-Korp, partikolarment bit-twessiegħ tal-Community Policing li minn proġett pilota fl-2019, is-sena l-oħra kien estiż għal 12-il lokalità. F'dal-mument għaddejjin bit-tħejjijiet neċessarji sabiex dan il-kunċett jiġi estiż għal numru ta' lokalitajiet oħra matul din is-sena. Il-pjan tagħna huwa li fi ftit snin oħra il-community policing ikun mifrux mal-pajjiż kollu u dawn l-uffiċjali jkunu l-punt ta' referenza għall-Maltin u l-Għawdxin f'kull belt u raħal f'pajjiżna.

Hawn nerġa' ntenni li filwaqt li nżidu ċertu investiment u nibdlu ċerti prijoritajiet skont is-soċjetà li tinbidel, kull taqsima fil-Korp tal-Pulizija tibqa' importanti u iktar minn hekk irridu naħdmu bħala tim fejn nikkollaboraw ma' xulxin.

*Fuq kollox irridu naħdmu id f'id mal-pubbliku.*

Għal dan il-għan żidna u se nibqgħu nżidu l-viżibilità tal-pulizija fit-toroq tagħna tant li fl-aħħar ġimgħat u xhur intensifikajna ħidmietna f'dan ir-rigward bl-assistenza tal-pulizija tad-distrett, tal-RIU, tal-Mounted u tal-K9 partikolarment b'kollaborazzjoni anke mal-Forzi Armati.

Nifhem li dan kollu kultant ikun jeħtieġ bidla fil-mentalità pero s-sinjali tal-aħħar xhur huma inkoraġġanti ħafna. Fl-istess waqt ejja nħarsu lejn ir-rata tal-kriminalità bħala waħda biss mill-fatturi tas-suċċess tagħna. Man-numri, il-kwantità, irridu naraw ukoll il-kwalità tas-servizz li noffru. Għalhekk wieħed irid issa jeżamina kemm u x'tip ta' każijiet solvejna, kemm u lil min ressaqna l-qorti, kemm in-nies iħossuhom sikuri, l-użu tal-forza, kif ukoll l-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Korp.
Għaldaqstant jiena ngħid li l-kejl aħħari tal-prestazzjoni tagħna għandu jkun il-livell ta' fiduċja tan-nies fina. Fuq kollox din hija l-viżjoni tal-Korp, 'li l-pubbliku jafdana sabiex nassiguraw pajjiż sikur għal kulħadd.'

Mela ejja nħarsu 'l quddiem u nkomplu niġbdu ħabel wieħed sabiex flimkien nikkontribwixxu għal Korp aktar fdat sabiex b'hekk kull wieħed u waħda minna nkunu tassew kburin li nilbsu din l-uniformi, li minkejja t-toqol tagħha, toffri tant sodisfazzjon.

*DOMINE DIRIGE NOS*



# Dan l-aħħar

minn PC 2025 Charlene Cilia - l-Uffiċċju tal-Kommunikazzjoni



## 30 ta' Novembru
### Taqsima ġdida fil-Korp tal-Pulizija

Fl-aħħar tax-xahar ta' Novembru 2020, fil-Korp tal-Pulizija bdiet topera lt-Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika.

L-inawgurazzjoni saret f'konferenza tal-aħbarijiet ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar it-30 ta' Novembru 2020. Iċ-ċerimonja ġiet ippreseduta minn mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela flimkien mal-Ministru Byron Camilleri kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà.

Dr Lydia Abela kienet mistiedna wkoll tagħmel diskors, fejn qalet li t-twaqqif ta' din it-taqsima fi ħdan il-Korp hija xhieda ta' kemm il-vittmi ta' vjolenza domestika għandhom fejn jirrikorru għall-għajnuna.



## 01 ta' Diċembru
### Xogħlijiet ta' Infrastruttura f'Ta Kandja

Fl-1 ta' Diċembru, 2020, il-Ministru Ian Borg flimkien mal-Ministru Byron Camilleri inawguraw xogħlijiet infrastrutturali li saru minn Infrastructure Malta lill-Korp tal-Pulizija f'Ta' Kandja.

Kemm il-Ministru Ian Borg kif ukoll il-Ministru Byron Camilleri saħqu li huma jridu jkunu ċerti u kommessi li joffru l-aqwa kundizzjonijiet biex dawn l-entitajiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija joperaw fl-aqwa ambjent u bl-akbar effiċjenza possibbli. Huma spjegaw kif dan il-proġett bidel il-post għal wieħed state-of-art. Il-Ministru Camilleri kompla jfisser kif ix-xogħlijiet li saru ġewwa Ta' Kandja bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta ser jgħinu biex il-membri tal-Korp tal-Pulizija li jaħdmu minn dan il-kumpless ikollhom ambjent iktar xieraq u li jilqgħek.



## 24 ta' Diċembru
### Quddiesa ta' nofsillejl

L-attivitajiet tal-Milied għas-sena li għadha kif għaddiet kienu mhux biss differenti imma tista' tgħid li ma sarux. L-uniku attività li saret u li dejjem tintlaqa' tajjeb mhux biss mill-Pulizija stess imma anki minn nies pajżana hija l-quddies ta' nofsillejl. Din is-sena kienet limitata fin-numru ta' persuni u minħabba f'hekk kien hemm sistema ta' booking għal dawk li riedu jattendu. Grazzi dejjem lill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija Fr Raymond Bonniċi OFM għas-sehem u d-dedikazzjoni tiegħu.



## 25 ta' Diċembru Żjara mil-Kummissarju tal-Pulizija

Nhar il-Milied, il-Kummissarju tal-Pulizija xtaq li jżur numru ta' għases tal-Pulizija kif ukoll uffiċjali li kienu jinsabu fuq fixed point. Is-Sur Gafà xtaq li jirringrazzja personalment lil dawk l-uffiċjali għax-xogħol u s-servizz tagħhom kemm matul is-sena kif ukoll l-apprezzament tiegħu li propju f'Jum il-Milied kienu jinsabu fuq il-post tax-xogħol 'il bogħod mill-familja.



## 26 ta' Diċembru l-Istrina

Bħal kull sena l-Korp tal-Pulizija żamm l-appuntament tiegħu mal-Istrina. Din id-darba matul is-sena ma stajniex norganizzaw attivitajiet sabiex jinġabru fondi, biss però bħala Korp ippreżentajna s-somma ta' €17,409.78.




WE'RE STRONGER TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 e-mail: info@montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg



# 10 ta' Jannar
## Għoti ta' certifikati u premjijiet

Il-Ministru Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà nhar l-10 ta' Jannar 2021 ippresedew ċerimonja tal-għoti ta' ċertifikati u premjijiet lill-membri tal-Korp li ddistingwew ruħhom b'għemilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom matul is-sena li għaddiet.

41 membru tal-Korp ingħataw ċertifikat ta' kommendazzjoni u mertu bħala rikonoxximent tax-xogħol li wettqu matul is-sena 2020, fosthom uffiċjali li salvaw ħajja ta' persuna li kienet qed tifga fl-ikel, salvaw persuna li kienet se tagħmel suwiċidju, sabu kenn għal persuna li ma kellux saqaf fuq rasu, intraċċaw vettura misruqa waqt li kienu off-duty u diversi atti oħrajn.

L-Ispettur Keith Vella, stazzjonat fid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tar-Reati Finanzjarji ngħata l-Premju tal-Pulizija tas-Sena, għall-impenn, l-integrità u l-inizjattiva li wera fl-investigazzjonijiet li kien responsabbli minnhom, kif ukoll tal-ħidma impekkabbli tiegħu fi ħdan l-Iskwadra ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus.

Il-membri tal-Iskwadra tal-Environmental Protection Unit u li kienet magħrufa bħala l-ALE, ingħataw ċertifikat ta' mertu tas-servizz li taw, sabiex tiġi kkontrollata l-imxija tal-COVID-19 f'Malta.



Il-Ministru Camilleri sellem il-ħidma tal-uffiċjali li bl-azzjonijiet tagħhom għamlu differenza fil-ħajja tan-nies. "Intom l-eroj tal-poplu tagħna. Iżda lil hinn miċ-ċertifikati nemmen li l-akbar rikonoxximent huwa s-sodisfazzjon li għandkom tħossu meta tilbsu dik l-uniformi u sservu lill-komunità." Fid-diskors tiegħu huwa spjega kif is-sena l-oħra saru numru ta' bidliet fil-Korp tal-Pulizija fosthom l-introduzzjoni tal-istrateġija ta' trasformazzjoni li ser isservi ta' bażi biex ikompli l-proċess ta' tiġdid.

Fid-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija qal li m'hawnx isbaħ milli l-Korp jonora l-aqwa riżorsa li għandu, partikolarment f'sena ta' sfidi kbar fejn il-Korp kien pedina importanti biex tkompli tiġi mħarsa s-sigurtà tal-poplu. Il-Kummissarju qal li s-sena 2020 ser tibqa' mnaqqxa bħala s-sena fejn ġew solvuti diversi reati kumplessi u serji, però wkoll is-sena fejn kien hemm rekord fit-tnaqqis tar-reati b'mod ġenerali, partikolarment is-serq. Iżda, li fl-istess waqt kien hemm żieda ta' rapporti f'oqsma partikolari, bħal pereżempju l-vjolenza domestika, li allura jfisser li l-pubbliku qed jibni aktar fiduċja fil-Pulizija. Il-Kummissarju temm id-diskors billi ħeġġeġ biex tkompli tiġi attwata l-missjoni tal-Korp "li nipprovdu servizz professjonali u fdat biex niżguraw pajjiż sigur bi sħubija mal-komunità".

Iċ-ċerimonja saret ġewwa s-Sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn ġiet iċċelebrata wkoll quddiesa mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonniċi OFM.

ECOHIVE




# Bee Responsible!

ECOHIVE recycling

ECOHIVE organic

ECOHIVE energy

ECOHIVE hygienics

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
CLIMATE CHANGE AND PLANNING



## 15 ta' Jannar L-għassa ta' Marsaskala

Il-Ministru Byron Camilleri flimkien mall-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà żaru x-xogħlijiet li qed isiru fuq l-għassa ta' Marsaskala. L-għassa se tkun waħda attrezzata bl-aħħar teknoloġija u anke bi spazju maħsub għall-Pulizija tal-Komunità. Il-Ministru Camilleri spjega li filwaqt li jemmen li l-preżenza tal-Pulizija fit-triq qed tinħass, fl-istess ħin irridu li l-għases primarji jkunu attrezzati kif xieraq biex jingħata l-aqwa servizz liċ-ċittadin.

Il-Kummissarju tal-Pulizija tkellem ukoll dwar kif il-Korp qed jinvesti biex jassigura li jkun mgħammar bl-aqwa riżorsi possibbli.



## 22 ta' Jannar L-għassa tal-Ajruport

Fit-22 ta' Jannar, 2021 ġiet inawgurata l-għassa tal-Pulizija li tinsab ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Dan il-proġett li kien iffinanzjat mill-ajruport stess wassal sabiex l-għassa tingħata dehra iktar moderna u sigura.

Filwaqt li l-Ministru Byron Camilleri rringrazzja liċ-CEO tal-Ajruport ta' Malta Alan Borg għall-kollaborazzjoni tiegħu f'dan l-investiment, il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà saħaq li ser ikomplu jaħdmu biex jassiguraw ambjent aħjar għall-Pulizija sabiex jibqgħu joffru u jagħtu l-aqwa servizz lin-nies.



## 23 ta' Jannar ir-Rapport Annwali tal-Kriminalità

Fit-23 ta' Jannar, 2021 f'Santa Luċija ġie ppreżentat rapport annwali ppubblikat mill-Kriminologu l-Professur Saviour Formosa, fejn juri li għar-raba' sena konsekuttiva kien irreġistrat tnaqqis fir-rata ta' reati kriminali. Meta kien qed jikkummenta dwar dan ir-rapport, il-Ministru Byron Camilleri saħaq li minkejja li s-sena 2020 kienet is-sena tal-Covid-19, xorta waħda l-isforzi tal-awtoritajiet ħallew il-frott.

Is-Sur Gafà spjega kif il-Korp tal-Pulizija qed jinvesti biex ikun iktar imħejji biex jiġġieled il-kriminalità. Huwa fakkar kif l-omiċidji kollha li ġraw is-sena li għaddiet kienu solvuti.



## 11 ta' Frar Konferenza dwar in-numru 112

Waqt konferenza tal-aħbarijiet li tfakkar il-ġurnata tan-numru tal-emerġenza 112, il-Ministru Byron Camilleri tkellem dwar l-importanza li dan in-numru jintuża b'mod responsabbli għaliex dik it-telefonata taf tfisser ħajja jew mewt.

Il-konferenza seħħet nhar il-11 ta' Frar 2021, id-data ddedikata lin-numru tal-emerġenza, u għal din is-sena ntgħażlet il-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Fiż-żona magħrufa bħala l-venda, iltaqgħu membri mill-Korp tal-Pulizija, membri mill-Armata, Protezzjoni Ċivili u l-aħħar u mhux l-inqas membri mis-Servizz tas-Saħħa.

Il-messaġġ l-iktar importanti li xtaqu jwasslu huwa sabiex il-pubbliku juża l-112 b'mod responsabbli.



## 25 ta' Frar
### Taħriġ akkreditat għall-membri tal-Korp

Fil-25 ta' Frar, 2021, ġie ffirmat ftehim bejn il-Korp tal-Pulizija, l-Università ta' Malta u l-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati li permezz tiegħu, it-taħriġ li jingħata lill-membri tal-Korp se jkun akkreditat, ta' livell għoli u rikonoxxut minn istituzzjonijiet edukattivi barranin.

Il-ftehim jirregola l-progress edukattiv fi ħdan il-Korp tal-Pulizija minn kuntistabbli (Livell MQF 4) għal supretendent (Livell MQF 7), hekk kif kull ranka se tirrikjedi livell edukattiv speċjalizzat. Dan ser iwassal biex aktar persuni jkomplu jistudjaw u jtejbu l-karriera tagħhom fil-Korp tal-Pulizija.





## 05 ta' Marzu
### Passing out Parade

Kellha tkun okkażżjoni ta' darba għall-kollegi ġodda li nhar il-Ġimgha 5 ta' Marzu, 2021 ħadu l-ġurament tagħhom bħala kuntistabbli, iżda f'inqas minn 24 siegħa kollox inbidel. Dik li kellha tkun il-ġurnata tal-Passing Out Parade ġewwa l-Forti Sant Iermu nbidlet f'ċerimonja qasira ġewwa l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, f'Ta' Kandja. Hemmhekk 65 rekluta; 54 raġel u 11-il mara ngħaqdu mal-Korp tal-Pulizija wara li temmew il-Kors ta' Taħriġ għar-Rekluti.

Minkejja li ma setgħatx issir iċ-ċerimonja tas-soltu, kemm il-Ministru Byron Camilleri kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija Angela Gafà xorta kienu preżenti mar-rekluti u b'hekk ma naqasx li jwasslu anki messaġġ qasir.

Il-Ministru Camilleri filwaqt li awguralhom għall-ħidma tagħhom, ħeġġiġhom sabiex jibqgħu jistudjaw u javvanzaw fil-karriera tagħhom.

Il-Kummissarju, fil-messaġġ tiegħu, fakkar lill-pulizija l-ġodda fil-missjoni tal-Korp li hi dik li nipprovdu servizz professjonali u fdat biex niżguraw pajjiż sikur bi sħubija mal-komunità. Huwa enfasizza li dan għandu jigwidahom fl-operat tagħhom ta' kuljum.

Wara li nqara l-ġurament u tlestew id-diskorsi saret il-preżentazzjoni tal-premjijiet fejn il-Mark Farrugia Shield li jingħata lir-rekluta li l-aktar iddistingwa ruħu matul il-kors mar għand il-Kuntistabbli Matthew Galea. Il-Kuntistabbli Galea kien ippremjat ukoll għax ġie l-ewwel fis-suġġetti akkademiċi, filwaqt li fis-suġġetti prattiċi, fl-ewwel post ġie l-Kuntistabbli Carlo Abela.

Filwaqt li nagħtu merħba lill-kollegi l-ġodda, nawgurawlhom suċċess u sodisfazzjon fix-xogħol tagħhom.

PMC® AMMUNITION

# PRECISION MADE CARTRIDGES

X-TAC MATCH  SFX  eRange  Bronze  X-TAC




ACCURATE    RELIABLE    CLEAN    AFFORDABLE

Target    Competition    Military    Law Enforcement

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com





# Smart Policing

## Enhancing the Capabilities of the Cyber Crime Unit

mill-Ispettur Timothy Zammit (Cyber Crime Unit) u Brandon Agius (Uffiċċju tal-Proġetti)

Il-kriminalità bdiet tieħu xejra iktar diġitali fl-aħħar snin. Din hija xi ħaġa naturali hekk kif is- soċjetà żżid fl-użu tagħha tat-teknoloġija. Wara li saret analiżi dettaljata tal-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet li kellha s-Cyber Crime Unit, ġie mfassal proġett intiż sabiex din it-taqsima tkun ippreparata aħjar sabiex tindirizza r-realtajiet li qed taffaċċja soċjetà moderna, soċjetà diġitali.

Għadu kemm ġie konkluż ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' spazju ġdid li minnu ser tibda topera s- Cyber Crime Unit fil-ġimgħat li ġejjin. Dawn l-uffiċini u l-laboratorju l-ġdid – li ser ikunu magħrufa bħala "Hub for Internet Investigations, Victim Identification and Electronic Evidence Examination (H.I.V.E.)" – ser ikunu qed jiġbru fihom għodod moderni u konnettività ma' entitajiet barranin li qabel ma kinux disponibbli. Flimkien max-xogħol ta' kostruzzjoni tal- laboratorju l-ġdid għas-Cyber Crime Unit sar ukoll skavar ġewwa s-CID Yard sabiex tkun tista' tiġi mgħoddija mill-ġdid l-infrastruttura tad-dawl u n-networks tal-informatika għat-taqsimiet investigattivi kollha li huma bbażati ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dan ix-xogħol, b' valur ta' iktar minn €700,000, sar permezz ta' fondi nazzjonali.

Minn naħa l-oħra, qed jiġi implimentat proġett li parzjalment qed jiġi kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm ISF (Fondi għas-Sigurtà Interna) 2014 – 2020. Dan il-proġett, bl- isem "**Smart Policing – Enhancing the Capacities of the Police Cyber Crime Unit**", għandu valur ta' €667,930. Permezz ta' dan il-proġett, is-Cyber Crime Unit qed tinvesti f'apparat ġdid sabiex taġġorna l-għodod li diġà qed tuża kif ukoll tintroduċi kapaċitajiet ġodda fi ħdanha.

L-investiment li qed isir permezz ta' dan il-proġett huwa maqsum f'erba' oqsma:

**1. Għodod użati fit-tfittxija u l-qbid ta' evidenza diġitali, waqt tfittxijiet minn fuq ix-xeni tar-reat**

F'dan l-aspett, is-Cyber Crime Unit investiet f'żewġ vetturi li huma addattati sabiex jittrasportaw evidenza diġitali miġbura mix-xena tar-reat lura għal-laboratorju tagħha. Apparti dan, sar xiri ta' apparat ieħor li ser jgħin fl-analiżi preliminari u ġbir ta' evidenza diġitali waqt tfittxijiet. Dan l-apparat jinkludi kameras diġitali, external hard disks, bagalji addattati kif ukoll apparat forensiku li jista' jintuża kemm fil-laboratorju kif ukoll fuq ix-xena tar-reat.

**2. Tagħmir għall-analiżi u ħażna ta' evidenza diġitali ġewwa l-laboratorju l-ġdid tas-Cyber Crime Unit**

L-investiment li qed isir f'dan il-qasam huwa l-ikbar parti ta' dan il-proġett. Apparti li qed isir investiment sabiex jiġu aġġornati s-sistemi forensiċi li jintużaw sabiex tiġi ppreservata u analizzata informazzjoni miżmuma fuq kompjuters li jkunu elevati mill-Pulizija b'rabta ma' investigazzjonijiet kriminali, qed jiġu introdotti kapaċitajiet ġodda fi ħdan din it- taqsima. Dawn il-kapaċitajiet ġodda jinkludu analiżi ta' informazzjoni miżmuma fuq mobile phones kif ukoll it-twaqqif ta' repożitorju li ser jiċċentralizza ż-żamma ta' evidenza diġitali. L-investiment taħt din it-taqsima ser iwassal biex il-laboratorju ta' evidenza diġitali tal-Pulizija Maltija jkun konformi mal-ogħla standards li jeżistu preżentament f' dan il-qasam.

**3. Sistemi tal-kompjuters u t-tagħmir li jintuża għall-inkjesti tekniċi u investigazzjonijiet online**

Permezz ta' dan il-proġett ser ikun qed isir investiment ukoll fil-kompjuters u t-tagħmir li s-Cyber Crime Unit tuża f'xogħol li jsir online. Filwaqt li jsir ħafna xogħol online b'rabta ma' investigazzjonijiet dwar rapporti li jsiru mingħand vittmi, dan l-investiment ser ikun qed itejjeb ukoll il-kapaċitajiet tal-Korp tal-Pulizija f'eżerċizzji proattivi li permezz tagħhom jiġu identifikati persuni li jkunu qed jabbużaw mit-teknoloġija sabiex jagħmlu reat kriminali. Apparti dan, qed isir ukoll investiment f'apparat li jintuża mis-Cyber Crime Unit waqt taħditiet ta' prevenzjoni li jsiru b'mod regolari fl-iskejjel u fil-komunità inġenerali.

**4. Tiżdied il-kapaċità fl-investigazzjonijiet marbuta mal-abbuż ta' tfal online u materjal li juri sfruttament sesswali ta' tfal**

Fost il-konnettività ġdida li ser tkun qed tiġi introdotta fi ħdan is-Cyber Crime Unit ser ikun hemm aċċess dirett għad-database li tħaddem l-organizzazzjoni internazzjonali tal- Pulizija INTERPOL b'rabta ma' materjal li juri sfruttament sesswali ta' tfal. Flimkien mat- tisħiħ tal-funzjoni ta' identifikazzjoni ta' vittmi minuri ta' dan it-tip ta' sfruttament sesswali permezz ta' xiri ta' apparat f'dan il-proġett, din il-konnettività ser tagħmilha iktar faċli għall-Pulizija Maltija sabiex tiskambja informazzjoni ta' dan it-tip mal-awtoritajiet ta' pajjiżi oħrajn. Sabiex inkunu nistgħu nsaħħu l-kapaċitajiet tagħna f'dan il-qasam, l- organizzazzjoni INTERPOL ser tkun ukoll qed tipprovdi taħriġ mill-esperti tagħha.

Sabiex dan il-proġett ikun suċċess u sostenibbli, il-Korp tal-Pulizija qed itejjeb il-ħiliet tekniċi tal-membri fi ħdan is-Cyber Crime Unit permezz ta' numru ta' korsijiet fuq suġġetti varji. Apparti dan, bħalissa qed isir il-proċess ta' evalwazzjoni ta' sejħiet esterni u interni bil-ħsieb li r-riżors uman fi ħdan is-Cyber Crime Unit jiżdied. Fil-ħarġiet li jmiss, nittamaw li nkunu nistgħu nagħtu iktar informazzjoni dwar dan il-proġett ambizzjuż kif ukoll dwar inizjattivi oħrajn li permezz tagħhom il-Korp tal-Pulizija qed jissaħħaħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

*timothy.zammit@gov.mt*



Smart Supermarket




*We are NOW delivering to Gozo every first and third Friday of each month!*

# www.smart.com.mt

## Quick, Easy & Convenient




### Get Social with Smart Supermarket

Like us on Facebook

Follow us on Instagram

### Where to contact us

A: Smart Shopping Complex, Naxxar Road, Birkirkara, BKR 9042, Malta
T: +356 2144 2728
E: info@smart.com.mt
W: www.smart.com.mt
FB: www.facebook.com/smartsupermarket

**recycle** When you have finished with this publication please recycle it.

### Supermarket Opening Hours

| | |
|---|---|
| Monday | 07.00 to 20.00 |
| Tuesday | 07.00 to 20.00 |
| Wednesday | 07.00 to 20.00 |
| Thursday | 07.00 to 20.00 |
| **Friday** | **07.00 to 21.00** |
| Saturday | 07.00 to 20.00 |
| **Sunday** | **09.00 to 18.00** |

**Special Opening Hours**

**OPEN ON SUNDAYS**
**9am - 6pm**

# Farstone

**Construction & Restoration Ltd**

## Civil Works



## Construction



We are one of Malta's leaders in the restoration and preservation industry with staff capable of doing professional, complex and specialised work.

## Restoration & Scaffolding







## Excavation Works











email: info@farstoneconstruction.com

www.farstoneconstruction.com

2, Triq il-Qamh, Zebbug

Call: 9945 1100 or 7949 9338

# Automated Border Control Gates

*Automated Border Control (ABC) Gates fl-Arjuport Internazzjonali ta' Malta (MIA) -*
Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

L-għan ta' dan il-proġett huwa li titwaqqaf is-sistema elettronika tal-ABC sabiex fil-wasliet u t-tluq fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta tgħin u tassigura s-servizz li tagħti s-sezzjoni tal-immigrazzjoni fi ħdan il-korp tal-pulizija. Dan il-proġett huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-program ISF (Fondi għas-Sigurtà Interna) 2014–2020, fejn il-korp tal-Pulizija ngħata €719,789.94 sabiex jinxtara t-tagħmir, issir il-konfigurazzjoni u t-taħriġ neċessarju lill-uffiċjali  fuq din is-sistema.

Dawn il-gates huma pprogrammati bl-appoġġ nattiv għall-bijometrika multi-modali; sejrin itejbu l-veloċità billi awtomatikament iħarsu lill-passiġġieri fl-oqsma allokati, tiżdied is-sigurtà fl-awtentikazzjoni u fil-verifika fuq id-dokumenti tal-ivjaġġar permezz ta' miżuri bijometriċi. Barra minn hekk, din is-sistema sejra tnaqqas il-ħinijiet tal-ipproċessar, kif ukoll toffri livelli għolja ta' kontrolli bijometriċi li għandhom inaqqsu drastikament ir-riskji li l-passiġġieri jużaw dokumenti foloz għad-dħul u ħruġ minn pajjiż Ewropew.

Is-sistema ABC sejra tiffoka fuq żewġ għanijiet prinċipali:

**Il-ġlieda kontra l-kriminalità**, sabiex niġġieldu kontra l-kriminalità organizzata, transkonfinali u t-terroriżmu, biex b'hekk tiżdied l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet nazzjonali ta' stati membri fl-Unjoni Ewropea, inkluż l-aġenzija reġjonali EUROPOL,  korpi rilevanti tal-UE u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali.

**L-immaniġġjar tar-riskji u l-kriżijiet**, biex tiżdied l-kapaċità tal-istati membri fl-Unjoni Ewropea, sabiex isir immaniġġjar effettiv fuq riskju relatat mas-sigurtà u l-kriżi u jipprepara biex jipproteġi lin-nies u infrastrutura kritika kontra attakki terroristiċi jew inċidenti relatati mas-sigurtà.

Hemm diversi vantaġġi li dal-proġett sejjer ikollu, fosthom li l-uffiċjali tal-pulizija jistgħu jiffokaw fuq eżaminazzjoni tal-qarrejja tad-dokumenti u mhux nistennew l-qarrejja tad-dokumenti u sistemi oħra biex jsir ix-xogħol neċessarju. Is-sistema tal-ABC sejra żżid il-faċilità fuq l-ivjaġġar tal-passiġġieri, però fl-istess ħin għandha tiżgura livell għoli ta' sigurtà, peress li għandha tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll fuq il-ġestjoni tar-riskju u l-kriżi. Barra minn hekk, is-sigurtà li se toffri s-sistema ABC ser isservi ta' serħan il-moħħ lill-ajruporti Ewropej, lill-operaturi tal-ajru, lill-uffiċjali li jaħdmu fuq is-sigurtà tal-fruntieri u lill-passiġġieri.




**Internal Security Fund 2014 – 2020**
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Internal Security**

PISCOPO gardens



Malta's leading Pet Shop and Garden Centre
You can find all your needs for your pets and anything related to the garden.
We also provide landscaping services and office plant rentals.

Message us on our Facebook page
and GET A FREE delivery on orders over €30










**Opening Hours:-**
**Monday to Sunday including Public Holidays 9am - 6pm**

Find us on Facebook

**Piscopo Gardens,**
**Triq Tony Camilleri, Burmarrad**
**Tel: 21 583755**
**Email: info@piscopogardens.com**
**www.piscopogardens.com**

# Opportunitajiet għan-nisa fil-Korp

minn Dr Mark Said

Tradizzjonalment, in-nisa fil-Korp tal-Pulizija, bħala persentaġġ, kien wieħed baxx, biss, kull ma jmur dejjem qed jikber. Ukoll, il-ħtieġa li jiġu ingaġġati, imħarrġa u promossi aktar uffiċjali nisa, qed tieħu ferm aktar importanza minn qatt qabel għal bosta raġunijiet.
Stħarriġ li sar riċenti juri li l-uffiċjali nisa huma meqjusa ideali fis-soluzzjoni ta' konflitti, fil-komunikazzjoni, kif ukoll fil-kooperazzjoni mal-membri tal-komunità minħabba l-ħiliet tagħhom u ta' spiss huma jieħdu evalwazzjonijiet aħjar f'dawn l-oqsma kruċjali mill-kontroparti maskili tagħhom. L-istess stħarriġ juri li huma x'aktarx mill-inqas jirrikorru għal xi forza perikoluża jew eċċessiva.

Qasam ieħor kritiku fejn in-nisa fil-Korp tal-Pulizija qed iħallu impatt kbir huwa l-ġlieda kontra l-vjolenza u l-offiżi sesswali. Spiss, f'każijiet sesswali, il-vittma tkun tixtieq tiftaħ qalbha ma' mara. Biss dan mhux dejjem jista' jiġi rispettat minħabba li ma jkunx hemm uffiċjali nisa biżżejjed, u dan jista' jmur kontra jew ikun b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji, valuri, missjoni u etika mħaddna mill-Korp. L-uffiċjali nisa qed, minn żmien għal żmien, jingħatalhom karigi b'responsabbiltà ta' tmexxija. Ma nistax nenfasizza biżżejjed l-importanza tal-edukazzjoni għolja li tiftaħ il-bibien għall-promozzjoni f'karigi ta' tmexxija.

**X'aktarx li l-uffiċjali nisa ftit li xejn jirrikorru għall-użu tal-forza eċċessiva.**
Wieħed miż-żewġ benefiċċji l-aktar aċċettati ta' meta jiġu ingaġġati aktar nisa għal karrieri fil-ġustizzja kriminali huwa l-fatt li, l-uffiċjali nisa ma tantx jagħmlu użu mill-forza eċċessiva inkella jużaw l-arma tas-servizz. Rari nisimgħu b'xi kawża jew proċeduri legali kontra xi uffiċjal mara minħabba ksur tal-liġi f'dan is-sens, u dan ma jagħmilx ħlief ġieħ lill-Korp.

Dan huwa aktar importanti fi żminijiet meta l-użu tal-forza mill-pulizija huwa kontinwament taħt skrutinju akbar, u li spiss ikabbar it-tensjonijiet bejn il-pulizija u l-komunitajiet li huma jaqdu.

**L-uffiċjali nisa għandhom ħila kbira biex jindirizzaw il-vjolenza fuq in-nisa kif ukoll ir-reati sesswali.**
Qasam ieħor kruċjali fejn l-uffiċjali nisa jistgħu jagħmlu differenza huwa l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u r-reati sesswali.

Huwa assolutament indispensabbli li jkun hemm uffiċjali nisa li jaħdmu fil-ġustizzja kriminali. F'dawk ix-xorta ta' reati hemm ukoll bnedmin, persuni b'sensittività partikolari u l-attakki sesswali huwa aspett estremament delikat u jinħtieġ li l-pulizija timxi b'mod umanitarju u b'kompassjoni.

**L-uffiċjali nisa jistgħu jgħinu jtejbu r-relazzjonijiet bejn il-pulizija u l-komunità.**
L-uffiċjali nisa huma predisposti għall-komunikazzjoni u għar-riluttanza li jużaw il-forza. Ukoll, huma anqas awtoritarji fl-atteġġjament tagħhom fil-pulizija, jistrieħu anqas fuq il-forza fiżika u huma komunikaturi effettivi superjuri. Aktar importanti, l-uffiċjali nisa huma f'qagħda aħjar li jimminimizzaw konfrontazzjonijiet potenzjalment vjolenti qabel ma dawn jeskalaw.





Wara kollox, id-dedikazzjoni għal servizz b'kompassjoni u kondotta etika tagħti lok għall-aħjar infurzar tal-liġi. Kull darba li uffiċjal jidħol/tidħol għax-xogħol, ikun qed jiġi pprovdut servizz pubbliku.

**Inħajru aktar nisa sabiex ifittxu karriera fl-Infurzar tal-Liġi**
Ġaladarba n-nisa jħallu impatt daqshekk pożittiv fuq il-professjoni, għaliex illum m'hemmx aktar nisa fil-Korp? Hemm bosta raġunijiet; minn sterjotipi għal sejħa ta' reklutaġġ immirata lejn l-irġiel, flimkien ma' taħriġ ta' ħila fiżika li jiffavorixxi s-saħħa maskili.

Flimkien mal-promozzjoni tal-potenzjal tal-uffiċjali nisa li jħallu impatt pożittiv, baqa' ħafna aktar x'isir biex in-nisa jitħajjru jidħlu fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. Eżempju prattiku ta' din il-ħtieġa huwa l-fatt li kull ma mmorru, in-nuqqas t'uffiċjali nisa biżżejjed inaqqas il-ħila tal-Korp li jaħdem b'mod suffiċjenti mal-għadd kbir ta' nisa immigranti li jaslu fuq xtutna, u li bosta minnhom ikunu vittmi t'attakki sesswali waqt il-vjaġġ tagħhom.

Minbarra kampanji ta' reklutaġġ immirati lejn in-nisa, jinħtieġ ukoll li t-tfajliet żgħar jiġu offruti programmi speċjali ta' taħriġ taħt is-superviżjoni ta' xi uffiċjal mara diġà mħarrġa sew u b'esperjenza, sabiex jiffaċilita d-dħul b'mod gradwali fil-Korp. B'dan il-mod, it-taħriġ tagħhom ikun ferm aħjar u effettiv minn dak tradizzjonali applikabbli mingħajr diskriminazzjonijiet għar-rekluti l-ġodda.

**Parir lin-nisa li jfittxu jtejbu l-karriera tagħhom fl-Infurzar tal-Liġi**
Il-parir tiegħi huwa wieħed ċar u sempliċi "Tibżgħux — tistgħu tiksbu kull ma tixtiequ. Tħallu lil ħadd jgħidilkom li ma tistgħux minħabba l-ġeneru tagħkom— m'għandu x'jaqsam xejn."

Hemm ukoll ġenerazzjoni ġdida ta' nisa li qed jiġu promossi għat-tmexxija u qagħdiet ta' kmand fl-infurzar tal-liġi. Forsi l-preżenza ta' uffiċjali nisa qed tikber, biss naħseb li t-triq għadha twila sabiex jiġu żviluppati mexxejja fil-ġejjieni.

Nemmen li l-aspett ewlieni għandu jieħu l-għamla ta' programmi ta' edukazzjoni avvanzata u tal-ogħla livell. Dawn jistgħu jwasslu għall-mexxejja eżemplari u professjonali kif jitlob il-Korp, u huma jikkostitwixxu l-pedament meħtieġ sabiex jiġu attirati l-aħjar fl-infurzar tal-liġi.

Nagħlaq bi twissija lin-nisa uffiċjali potenzjali: irrispettivament minn kemm fil-quċċata taslu fil-Korp, irrispettivament minn kemm tajjeb ħaddieħor jgħid li qed twettqu xogħolkom, xogħolkom qatt ma hu mitmum jew magħmul! Fi kliem ieħor tistrieħux mal-kisba tagħkom, għax xogħolkom ikun għadu ser jibda u tafu ssibu l-iebes ta' spiss!


DAVID'S BAKERY GOZO
Spelt & Honey
SLICED BREAD
SOURCE OF FIBRE
SOURCE OF PROTEIN
LOW IN SUGAR
LACTOSE FREE
PRESERVATIVES FREE
100% Spelt Cereal Flour Product
GMO FREE
Spelt & Honey
SLICED BREAD
✓ Source of Fibre
✓ Source of Protein
✓ Low in Sugar
✓ Lactose Free
Tasty & Healthy
Find us on Facebook
AVAILABLE FROM SUPERMARKETS, GROCERY STORES AND OTHER OUTLETS IN MALTA AND GOZO
(+356) 2155 5655 info@davidsbakerygozo.com


BREATH EASY
FREE FROM 99% OF
HARMFUL POLLUTION
AND BACTERIA
SIDROC
SERVICES LTD
For Further Enquires contact
SIDROC SERVICES LTD
74, Sliema Road
Gzira GZR1634.
Tel: 21315789 / 21333212
email: infodesk@sidroc.com
http://www.sidroc.com
AFL MASK
AIR FOR LIFE
TOMORROW'S TECHNOLOGY TODAY
FIRST STAGE
The primary antibacterial cotton filters which block dust and larger practices
SECOND STAGE
An efficient activated carbon filter which prevents bad odors and harmful gases from being inhaled
THIRD STAGE
An antibacterial nano silver ion layer which is sprayed on the HEPA filter. It uses a 3M's H11 grade filter that removes particles up to 0.3microns, allowing it to kill harmful bacteria and viruses such as Staphylococcus Aureus, Escherichia Coli
FORTH STAGE
An antibacterial cotton same as stage 1 to double the protection
NASA TECHNOLOGY
AVAILABLE ALSO FOR
OFFICE & CAR
NASA
DEVELOPED
TECHNOLOGY


sanidaz
GET YOUR PLACE SANIDAZED
EU APPROVED DISINFECTANTS
ENVIRONMENTALLY FRIENDLY
CONTACTLESS
CERTIFIED PROCEDURES
KILLS COVID-19 & MORE
CONTACT US
+356 9902 9903
info@sanidaz.com

IFFRANKA L-ILMA

# FID-DAR

GOVERNMENT OF MALTA

MINISTRY FOR ENERGY, ENTERPRISE AND SUSTAINABLE DEVELOPMENT

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS

Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

THE ENERGY & WATER AGENCY



## FIL-KAMRA TAL-BANJU

1. F'shower ta' 15-il minuta tuża bejn wieħed u ieħor 120 litru ta' ilma, filwaqt li f'shower ta' 5 minuti tuża 40 litru! Iddumx tinħasel.
2. Iċċekkja li s-shower head ma tqattarx jew ikollhiex xi leak meta ma tkunx qed tintuża.
3. Iċċekkja għandekx leaks fid-dar. Huwa faċli. Ħu l-qari tal-meter tal-ilma qabel torqod u ħu ieħor filgħodu. Jekk hemm differenza allura hemm leak u hemm bżonn tirranġah.
4. Jekk għandek toilet tradizzjonali, poġġi flixkun tal-ilma tal-litru fit-tank tat-toilet sabiex tnaqqas l-ammont ta' ilma li jinżel meta tifflaxxja. Tista' wkoll tbiddel is-sistema tal-flushing għal waħda dual-flush.
5. Meta tkun qed tqaxxar il-leħja imla s-sink bi ftit ilma minflok tħalli l-vit miftuħ.
6. Agħlaq l-ilma meta tkun qed taħsel snienek. Iffranka sa 760 litru ilma fil-ġimgħa f'familja ta' erba'.



## FIL-KĊINA

1. Installa aerators mal-viti kollha tad-dar tiegħek. Dawn jaqsmu l-pressa tal-ilma li toħroġ mill-vit, fi qtar żgħar. B'hekk tiżdied il-pressa tal-ilma filwaqt li jonqos ilkonsum.
2. Meta taħsel il-platti b'idejk, tħallix il-vit miftuħ. Imla fliskatur bl-ilma għall-ħasil u agħmel ieħor bl-ilma għat-tlaħliħ.
3. Għaddas il-borom u t-taġnijiet fl-ilma minflok tħalli l-ilma nieżel waqt li tkun qed taħsilhom.
4. Naddaf id-dixxijiet minflok tlaħlaħhom bl-ilma qabel taħsilhom.
5. Energy Star dishwashers jiffrankaw iktar ilma u enerġija milli kieku taħsel il-platti b'idejk. Jekk id - dishwasher tiegħek huwa ġdid, neħħi ċ-ċiklu tat-tlaħliħ.
6. Sajjar l-ikel bl-inqas ammont ta' ilma possibbli. Dan jgħin ukoll biex l-ikel iżomm iktar nutrijenti.



## WAQT LI QED TAĦSEL IL-ĦWEJJEĠ

1. Aħsel bil-magna tal-ħasil mimlija. Il-magni tal-ħasil huma aktar effiċjenti meta jkunu mimlijin. Jekk ma timlix il-magna, għandek taħsel inqas ta' spiss jew ixtri magna tal-ħasil b'kapaċita iżgħar.
2. Aħsel ħwejjeġ tal-istess kulur jew materjal flimkien ħalli ċ-ċiklu tal-ħasil ikun iktar effiċjenti.
3. Uża l-programm tal-qoton minflok dak sintetiku. Programmi sinetiċi jużaw 50% tal-ilma iktar mill-ħasil tal-qoton.
4. Jekk taħsel ilħwejjeġ bl-ilma kiesaħ tiffranka l-ilma u l-enerġija u jgħinu l-ħwejjeġ tiegħek iżommu l-kulur.

Programm Operattiv I - Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
*"It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna"*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 15% Fondi Nazzjonali

L-ILMA
IBDA MINNEK

ILMA.ORG.MT


enemed
powering your drive
powering your drive
enemed
CLEANER, SAFER & SUPERIOR QUALITY FUELS
e POWER
e DIESEL
e POWER
e UNLEADED
enemed.com.mt


FORD PUMA MILD HYBRID
PUMA
GZ
GASAN ZAMMIT
GasanZammit Motors Ltd.,
Triq il-Merghat, Zone 1, Central Business District, Birkirkara CBD 1020
Tel: 27788271 email: ford@gasanzammit.com
www.ford.com.mt
acim



# Q & A

minn Dr Mary Muscat

Din ir-rubrika hi ntiża sabiex twieġeb domandi tal-qarrejja dwar il-liġi kriminali jew xi prattika marbuta mal-ġustizzja kriminali. Id-domandi kienu tnejn.



**Hu permess li jitwaħħlu posters ma' siġar?**
*Fittixt taħt l-avviż legali dwar il-protezzjoni tas-siġar u ma sibt xejn.*

Ma teżistix kontravenzjoni għat-twaħħil ta' reklami ma' siġar kif se nispjega u l-avviż legali 549.123, li jaqa' taħt il-Kap. li jipproteġi l-ambjent, jitkellem dwar ħsara li ssir fuq is-siġar. Hemm differenza: trid tara saritx ħsara lis-siġra jew le għax jekk iva, mela japplika dan l-avviż legali u trid tkun involuta l-ERA.

Jekk le, mela tapplika l-liġi sussidjarja 552.28, li jikkonċerna l-ippjanar tal-iżvilupp. Dan hu avviż legali li sar fl-2018 u jismu 'Regolamenti dwar billboards u reklami'. Skeda II, numru 2.2(4) marbuta ma' regolament 3, tipprojbixxi reklami "imwaħħla jew miżbugħa ma' ħitan tas-sejjieħ, siġar jew arbli ta' utilità". Regolament 4(4) imbagħad jgħid: "Meta dan ir-reklam jintwera mingħajr il-permess meħtieġ u jitwaħħal jew jitpoġġa fuq xi siġra, arbuxell, ħajt tas-sejjieħ, piluna, arblu, sinjal jew proprjetà oħra, l-Awtorità tista' immedjatament tidħol fuq l-art u tneħħi r-reklam, fejn tqis li huwa spedjenti u meħtieġ li tagħmel hekk fl-interessi tas-sigurtà pubblika jew tal-kumdità, minflok tinnotifika b'avviż kif imsemmi hawn fuq."

L-Awtorità hawnhekk tirreferi għall-PA, imma jista' jkun ukoll Transport Malta, skont fejn tkun is-siġra (f'arterja



prinċipali, pereżempju) għaliex dan l-avviż japplika għall-permessi għal reklami u billboards maħruġa miż-żewġ entitatjiet.

Issa rigward il-lokalità hemm storja oħra, għax jekk tkun fil-Belt Valletta, hemm il-liġi sussidjarja 206.02 u speċifikament reg. 3(ċ) u 7(3). Reg 3(ċ) jgħid li ħadd ma jista':
"iwaħħal, jabbanduna jew iħalli mwaħħal fi kwalunkwe post fil-beraħ fil-Belt Valletta ebda flyers, sinjali, posters, permessi skaduti jew kwalsijasi ħaġa oħra stampata."
Jeħel ammenda ta' €100 skont skeda III. Dan japplika għal kwalsijasi post, inkluż mas-siġar, basta fil-lokalità tal-Belt.

**Kif taħdem it-taqsima tad-DV fi ħdan il-Legal Aid u kif tista' tikkumplimenta xogħol il-pulizija?**

L-Aġenzija tal-Legal Aid għandha lista ta' avukati u prokuraturi legali li jaħdmu l-qorti f'każijiet ċivili u lista oħra għal każijiet kriminali. Hemm lista oħra, separata, għad-DV, u ċioè każijiet ta' vjolenza domestika, fejn l-avukati appuntati jwieġbu t-telefonati assenjati lilhom mill-Aġenzija. Jiġifieri vittma ċċempel l-Aġenzija u tingħata kuntatt sabiex tiddiskuti l-każ mill-aspetti legali involuti. Ma jidhrux dawn l-avukati l-qorti imma jirreferu lura s-suġġerimenti tagħhom lill-Aġenzija ta' liema passi ulterjuri jkun hemm bżonn jittieħdu skont il-każ. Japplikaw ir-regoli ta' kunfidenzjalità u tas-sigriet professjonali anki jekk ikun ingħata biss il-parir. Ikun hemm kumplimentaritajiet max-xogħol tal-pulizija meta, pereżempju, ikun hemm rappreżentanza parte civile li tassisti lill-vittma. Hemmhekk l-avukat ikun qed jaħdem fuq l-istess naħa tal-prosekuzzjoni.

*Il-korrispondenza tista' tinbagħat lili direttament fuq* ***mary.muscat@um.edu.mt*** *jew inkella* ***muscatdrmary@gmail.com***

# Ix-Xjenza u l-Pulizija

## X'hemm komuni?



**Dr. Jeffrey Pullicino Orlando**
*Ċermen Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija*

Kemm-il darba smajna bil-frażi li x-xjenza tinsab kullimkien iżda mhux dejjem fhimna kif dan il-qasam kien strumentali biex itejjeb il-kwalità ta' xogħlna u ħajjitna b'mod ġenerali. L-istess jista' jingħad għal xogħol il-pulizija: hekk kif ix-xjenza għamlet progress, l-istess għamlet il-pulizija. Il-ġbir, l-ipproċessar u l-analiżi tal-evidenza saru iżjed iffukati u eżiġenti. Ir-riċerkaturi daħlu fil-ħidma misterjuża tal-moħħ, sabu modi ġodda biex jidentifikaw il-kriminali u l-vittmi, fost oħrajn.

Avvanz importanti kien seħħ fil-ġlieda kontra l-kriminalità meta ġie skopert li l-użu tal-marki tas-swaba' kien sors uniku ta' identifikazzjoni. Il-ġellieda kontra l-kriminalità kienu ilhom ifittxu metodu infallibbli li bih jistgħu jidentifikaw il-kriminali. Kien Dr Henry Faulds li nnota għall-ewwel darba l-forom li kienu ħallew il-ponot tas-swaba' tal-bniedem fuq xi kampjuni qodma tal-fuħħar u għaraf il-valur tagħhom bħala identifikaturi. Iżda ma kienx qabel is-sena 1890 li uffiċjal tal-pulizija Arġentin, bl-isem ta' Juan Vucetich, għamel suċċess bl-ewwel paragun tal-marki tas-swaba' f'każ kriminali. Dan kien wassal biex aktar 'il quddiem tiġi mfassla l-ewwel sistema magħrufa għall-klassifikazzjoni tal-marki tas-swaba' mill-Ingliż Sir Francis Galton.

Għalkemm ma kienx xjenzat, l-iskopertà ta' Vucetich kienet qabża ta' ġgant fix-xjenza tal-identifikazzjoni kemm tal-kriminali kif ukoll tal-vittmi tagħhom. Il-kriminoloġija kompliet tavvanza fejn saħansitra ġie skopert l-istruttura tad-DNA fil-bniedem (li żżomm fiha l-informazzjoni ġenetika tal-bniedem) li wassal biex issolvew diversi każijiet, fosthom dawk l-aktar makabri. B'hekk l-eżempju ta' Vucetich hu xhieda ta' kif kull individwu jista' jkollu kontribut fix-xjenza jekk ikun sempliċiment kurjuż.

Hawnhekk fejn tidħol il-missjoni u l-viżjoni tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija biex iqanqal kurżità xjentifika u kreattività permezz taċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza, Esplora. Dan qed iseħħ billi nqanqlu passjoni għall-interrogazzjoni, l-investigazzjoni u l-iskoperta permezz ta' 'il fuq minn 200 esebit mifruxa madwar il-post u attivitajiet oħra b'laqta personali.

Ta' min isemmi li Esplora mhix intenzjonata biss għat-tfal, iżda għall-pubbliku inġenerali, inklużi dawk li x-xjenza qatt ma kienet is-suġġett favorit tagħhom. Ilkoll kemm aħna twelidna xjentisti, għax xjentist hu l-persuna kurjuża li dejjem trid tiskopri iżjed fuq id-dinja ta' madwarha. Meta konna iżgħar konna nistaqsu bosta mistoqsijiet, bħal għalfejn jidlam jew x'inhu d-dell li dejjem jidher jiġri warajna! Il-pubbliku li jżur Esplora qed jerġa' jqanqal fih dan l-element ta' kurżità, li sfortunatament jibda jintilef hekk kif nikbru. L-adulti jieħdu gost daqs it-tfal, u xi kultant anke iżjed!

**Inrodd ħajr lilkom għax-xogħol siewi li qed isir biex titħares l-ordni u s-sigurtà tal-pajjiż, u għas-servizz u d-dedikazzjoni ta' kull wieħed u waħda minnkom f'dawn iż-żminijiet bla preċedent.**

**esplora**
ESPLORA | Interactive Science Centre, Kalkara KKR 1320
info@esplora.org.mt 2360 2300

Avviż bi ħlas



FREE 24/7 Easipik PARCEL LOCKERS

STOP WAITING IN LINE &
START SAVING YOUR TIME

info@maltapost.com | www.maltapost.com/easipik

easipik
malta post








## AS THREATS GROW IN NUMBER, THEY ALSO GROW UP

Advanced threats have matured, they're taking advantage of multiple attack points in your systems and networks, they're hijacking users' credentials at a low and slow pace, and they're off your radar, but always ready to strike.

It's time you strike back!

www.ptl.com.mt
ibm@ptl.com.mt
+356 21445566

### Clearly Visualize

No one expects you to grow eyes in the back of your head - to see 360 degrees you need:

- Data and threat agnostic solutions that seamlessly connect enterprise systems (including existing security stack)
- User behavior analytics to expose anomalous insider activity faster
- Threat visualizations and alerts - turning data into analyst actionable insights

### Intelligently Uncover

Big amounts of security data can cause big problems when tying together security events to actual attacks without:

- Unstructured threat data analysis and correlation from security sources like bulletins, blogs, research papers...
- AI assisted threat investigations to identify threats faster than attackers can react

### Seamlessly Stop

Once you identify the assault on your systems, stopping those threats needs:

- Automated response systems that close the gaps between alerts and remediation
- Dynamic policies to change risky users' access across applications or databases
- Customized identity and access policies to block malicious users, activities, and endpoints without disrupting business

ptl

IBM Security

IBM Silver Business Partner



# Id-databases tal-INTERPOL u EUROPOL

Aċċess minn awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi għad-databases tal-INTERPOL u EUROPOL -,Mill-Uffiċċju tal-Proġetti

Dan il-proġett huwa avvanz għall-Korp tal-Pulizija lejn l-integrazzjoni tad-databases tal-organizzazzjonijiet internazzjonali INTERPOL u EUROPOL fi ħdan is-sistema nazzjonali tal-Pulizija. Skwadri specjalizzati fi ħdan il-Korp tal-Pulizija sejrin ikollhom aċċess indirett fi ħdan il-EUROPOL Information System u l-Interpol FIND database. Dawn id-databases għandhom iservu bħala informazzjoni u intelliġenza addizzjonali b'riżultati effiċjenti u f'inqas ħin lill-investigazzjonijiet. Dan il-proġett huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm ISF (Fondi għas-Sigurtà Interna) 2014 – 2020, fejn il-Korp tal-Pulizija ngħata €1,044,857 sabiex jinxtara t-tagħmir neċessarju biex isseħħ l-integrazzjoni tas-sistema nazzjonali tal-Pulizija mad-databases tal-INTERPOL u l-EUROPOL.

Permezz ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni, dan il-proġett se jservi biex il-korp tal-Pulizija jkun jista' jżid l-kooperazzjoni ma' aġenziji internazzjonali fuq l-infurzar tal-liġi, biex b'hekk permezz ta' dawn id-databases, bis-saħħa ta' iktar kontrolli, ikunu jistgħu jissolvew iktar atti kriminali.

Avvanz ieħor se jkun qiegħed iseħħ fis-sezzjoni tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, fejn il-Case Management System se jkollha l-permess li taċċessa dawn id-databases, kemm lokali, reġjonali u internazzjonali.

Dan il-proġett jinkorpora vantaġġi addizzjonali lill-Korp tal-Pulizija. L-għases tal-Pulizija kif ukoll dawk tal-kontroll fuq il-fruntiera sejrin ikollhom aċċess tal-INTERPOL database biex jidentifikaw passaporti misruqa jew mitlufa, dan sa jgħin sabiex il-Pulizija jkollha iktar kontroll fuq id-dħul ta' passiġġieri, speċjalment minħabba l-viċinanza ta' Malta lejn ir-reġjun tal-Afrika ta' fuq. Barra minn hekk, dan il-proġett se jseħħ sabiex il-korp tal-pulizija jnaqqas l-użu tal-karti u tiżdied iktar l-effiċjenza.

Dipartimenti oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, bħas-sezzjoni tal-vetturi misruqa, tista' tagħmel użu mid-database speċifikata fuq vetturi misruqa, fejn il-pulizija, f'qasir żmien, tista' tagħmel kontrolli ta' vetturi mitlufa jew li ġew impurtati. Barra minn hekk, l-uffiċċju tal-armi u s-sezzjoni tal-Ballistika fi ħdan il-korp tal-Pulizija sejrin ikollhom aċċess dirett fid-database tal-armi. Minn dan il-proġett jistgħu jagħmlu użu entitajiet oħra tal-gvern, pereżempju ID Malta tista' tiċċekkja fi ftit tal-ħin, applikazzjonijiet ta' permessi għal residenza Maltija.

Dan il-proġett ħolisitiku għandu jservi ta' gwadann lejn il-Korp tal-Pulizija, fejn dawn il-benefiċċji li ġew imsemmija jistgħu jservu sabiex:

1. Bis-saħħa tal-aċċess għall-INTERPOL u EUROPOL databases, diversi dipartimenti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija se jkunu iktar effettivi biex jagħmlu t-tfittxijiet neċessarji.
2. Jitnaqqas l-użu tal-karti fi ħdan il-Korp tal-Pulizija biex b'hekk nersqu iktar lejn postijiet tax-xogħol favur l-ambjent.
3. Titjib tas-sigurtà ta' Malta hekk kif qed ngħixu fi żminijiet fejn l-atti terroristiċi dejjem qegħdin jiżdiedu.

**Internal Security Fund 2014 – 2020**
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Internal Security**



# Raymond Pitrè il-Pulizija Artist

B'suċċessi artistiċi lokali u internazzjonali
Minn SM1133 Joseph Borġ

Fil-bidu ta' Novembru li għadda, filgħaxija morna ltqajna mal-ex kuntistabbli numru erbgħa Raymond Pitrè, ġewwa r-residenza tiegħu fis-Swieqi.

Iż-żjara lil dan il-personaġġ kienet ilha fil-ħsieb tagħna; minkejja li hu qatt ma kien basarha wara dawn is-snin kollha. Hu jistqarr li kien għadu sal-lum il-ġurnata, kif jara l-uniformi li xi darba kien jilbes, mingħajr ma jrid, jemozzjona ruħu. Il-ġieħ u r-rispett li għandu lejha u lejn dak kollu li jdur magħha deheru tassew evidenti fih - "x'unur għandu min tiġih dik ix-xorti li jilbisha" tenna Ray. Żgur u bla dubju ta' xejn illi ż-żmien li hu qatta' fil-korp, minn kif dehru l-affarijiet, għamillu effett li baqa' jsegwi tul il-ħajja tiegħu personali, waqt li nemmen ukoll li b'xi mod affettwah fil-karriera artistika tiegħu. Lil Ray ma kontx nafu, smajt dwaru u anke rajt ħafna mix-xogħlijiet tiegħu. Li laqtitni fih meta ltqajna, huma s-sempliċità tiegħu, is-sens ta' umiltà u altruwiżmu li jħaddan. Donnu hemm qabża kbira wkoll bejn dak li jipproduċi artistikament, għal dak li verament huwa hu. Dan ma naħsibx li nnotajtu jien biss, iżda ġie nnotat u interpretat minn kritiċi aktar kolti fis-suġġett.

Minkejja l-età tenera tiegħu, bl-aktar mod luċidu rrakontalna partijiet minn ġrajjietu u partikolarment ċertu anneddoti u esperjenzi li kellu meta kien fil-Korp bejn l-1963 u l-1975; li mhux neċessarjament kienu daqstant simili bħal ta' oħrajn. Interessanti wkoll huwa l-fatt illi fil-każ ta' Ray, kif ser naraw, kellhom jiżżewġu n-natura tax-xogħol li huwa intenzjonalment kien daħal għalih, mat-talent artistiku tiegħu.

Imwieled f'Ħal Balzan nhar l-14 ta' Diċembru tal-1940, iżda tista' tgħid li trabba tas-Sliema, fi Triq Dingli u wkoll għand zitu Maria, li kienet toqgħod fit-Triq ta' Għar id-Dud; wara li din kienet romlot minn żewġha l-pittur Anton Inglott (1915 - 1945). Dawn it-tnejn, kif qalilna Ray, iltaqgħu meta kienu studenti jattendu ġewwa l-iskola tal-arti.

Ray beda biex qalilna li qabel ma kien daħal fil-Korp fl-1963; tliet snin qabel, fl-1960 kien daħal bħala postulant fl-Ordni tal-Kapuċċini. Kien għamel sena u nofs ġewwa l-kunvent f'Għawdex li jinsab fit-triq inti u nieżel lejn il-bajja ta' Marsalforn. Kien ukoll beda jissejjaħ Fra u ngħata t-tunika Franġiskana li kien laħaq libes għal erba' xhur u nofs sa ma temm din l-esperjenza reliġjuża minn mal-Kapuċċini. Fi żmien li kien Għawdex, kien iltaqa' ma' ċertu Joe Attard. Dan Joe Attard kien fil-Water Police u Ray sikwit kien iħobb imur jitkellem miegħu. Għal Ray, dan is-Sur Attard kien bniedem interessanti, kolt u li tista' titkellem

miegħu fuq diversi suġġetti b'moħħok mistrieħ. Fil-fatt kien huwa stess li ħajru sabiex jidħol fil-Pulizija. "Għandek it-tul u personalità, mur applika, idaħħluk żgur lilek..." kien jgħidlu. It-tul tal-persuna għal dawk iż-żminijiet kien fattur importantissimu. "Bejn meta kont tlaqt mill-ordni sa ma' dħalt fil-Pulizija kont qisni f'limbu – ma kontx naf x'ser naqbad nagħmel." Meta daħal fil-Korp, Ray kellu 22 sena u kien ġie stazzjonat ġewwa l-uffiċċju tal-RSM. Dak iż-żmien l-uffiċċju kien bieb ma' bieb mal-M.I. Room. "Ftit tax-xhur wara kont ġejt stazzjonat Għajn Dwieli, viċin id-daħla tad-Dockyard u wara bagħtuni s-C.I.D., li dak iż-żmien kien fejn illum hemm il-mużew tal-Pulizija. Mis-C.I.D. mort l-għassa tal-Airport. Mill-Airport għall-għassa ta' Tas-Sliema u erġajt lura l-Airport, din id-darba fl-uffiċċju tal-Immigrazzjoni.

Fl-1973 kien avviċinani ċertu surġent Farrugia minn Ħaż-Żebbuġ; naf li kien stazzjonat x'imkien id-Depot dak iż-żmien u fil-Korp kien magħruf bħala n-'Nonni'. Dan kien sema' li kont ninqala' sabiex inpinġi u kien qalli 'jkollok tpitter lill-Perit Mintoff, tpittru?' Jien kont bħal għidtlu nipprovaw... taf int. Jien qatt ma kont għadni għamilt portrait f'dak is-sens, ta' dak it-tip. F'kelma waħda kont aċċettajt u kelli riżultat tassew tajjeb fil-fatt. Kienu tawni post ġewwa d-Depot stess biex inpitter, fejn hemm il-gallarija ta' maġenb l-O.R.C. (Other Ranks Canteen). Tant kien beda jintgħoġob ix-xogħol, illi l-Kummissarju s-Sur Enoch Tonna kien qalli sabiex wara Mintoff inpitter lil President ta' Malta, li dak iż-żmien kien Sir Anthony Mamo, l-ewwel President ta' Malta Repubblika. It-tielet portrait tiegħi kienet imbagħad tas-Sur Tonna stess. Din jidhirli li wara li miet hu, kienu tawha lil armla tiegħu. Għalhekk nista' ngħid li s-surgent in-'Nonni' kellu jkun il-kaġun li jien bdejt il-portraits fl-arti tiegħi. Bl-ewwel waħda ta' Mintoff u dik tal-President, kienu infetħuli beraħ l-opportunitajiet. Minn dakinhar 'il quddiem kont ġejt ikkommissjonat diversi portraits ta' dinjitarji Maltin u barranin, minn fosthom il-portraits uffiċjali tal-Presidenti u l-Prim Ministri li ġew wara l-ewwel tnejn li kont pinġejt, għajr għal xi wieħed 'l hawn u 'l hemm. Lil Mintoff kont pittirtu aktar minn darba.

Fi żmien li kont is-C.I.D. kienu jqabbduni sabiex inpenġi immaġini ta' nies li jkunu għebu jew imfittxija mill-pulizija; fostom dak ta' Ċikku Fenech mill-Mosta, fi żmien li kien maħrub wara li kien qatel raġel fl-inħawi tal-Mosta stess. Dan kont pinġejtu fuq kif beda jiddettali l-fattizzi tiegħu ċertu Ċikku Bajtra. It-tpinġija ta' Ċikku Fenech kienet ġiet ippublikat fil-gazzetta tat-Times u ftit wara kien inqabad.

Fl-1973 s-Sur Tonna kien avviċinani sabiex niddekora s-sala l-ġdida ġewwa d-Depot li kien għadu kif lesta sabiex tintuża bħala l-O.R.C. b'pittura f'inwkadri kbar. Kont ftehimt mal-Quarter Master (QMS) sabiex jagħmluli frames kbar tal-injam tambur, b'folji tal-hardbord imwaħħlin fuqhom direttament fuq il-ħitan tas-sala, dawra mejt. Fuqhom imbagħad kont pittirt xeni mill-pajsaġġ Malti, bini prominenti bħal ma' huma l-faċċata ta' Kastilja, l-Kon-Katidral ta' San Ġwann u xi postijiet oħra. Dawn kont pinġejthom minn moħħi, għajr għal xi dettalji oħra fejn







tidħol arkitettura eċċ. L-aktar waħda li kienet ġiet għal qalbi minn ġo dik is-sala hija tas-'surfing boats' f'baħar qawwi. Dik veru kienet ġiet għal qalbi u l-uniku waħda li kont nista' ngħid illi lestejt, għax l-oħrajn b'xi mod jew ieħor mhumiex lesti għal kollox. F'ħafna drabi tiġri din il-ħaġa. Fil-fatt hemm xi tnejn jew tlieta minnhom li jidher sewwa li kien għad baqalhom ix-xogħol xi jsir fuqhom. Biex pittirthom dawn tista' tgħid li ma kelli xejn speċjali. Kont inġib iż-żebgħa u l-pniezel mingħand il-Quarter Master. Żebgħa taż-żejt komuni minn tal-Brolak kien ikolli, minn dik li biha kienu jiżbgħu l-ħitan, l-aperturi, eċċ. Sintendi imbagħad kont inħallat u nagħmel jien, skont il-bżonn biex noħroġ il-kulur li nkun irrid. Il-pniezel ordinarji wkoll, l-istess milli kienu jtuni tal-QMS. Biex nitla' għal magħhom, mal-livell tal-boards biex niftiehmu, kont litteralment nagħmel mejda u siġġu fuq xulxin. Dak iż-żmien kien ħafna differenti mil-lum u qajla kont nibża' li ser naqa' xi waqgħa tajba minn fuq dawk l-imberkin mejda u siġġu. Illum ħafna differenti mill-għadd ta' armar, eċċ. Dwar is-suġġett jew it-tema kien ħalla f'idi l-Kummissarju. Meta kont staqsejtu kien qalli 'għamel li jidhirlek inti f'idejk…' ". Din is-sala llum nistgħu nqisuha wkoll bħala mużew dedikat għall-arti bikrija ta' Ray Pitrè. "Is-Sur Tonna għalija kien bniedem important ħafna f'ħajti u propju f'mumenti tassew kruċjali … u li ma nista' ninsieh qatt, għal dak li kien għamel miegħi…" temm jgħid Ray.

"Fl-1965 meta kelli 24 sena żżewwiġt lill-mara tiegħi minn Sqallija Francesca Serra li kienet tiġi oħt in-negozjant Alberto Serra. Francesca kienet propju l-anġlu li bagħatli l-Bambin fil-ħajja tiegħi; illum l-anġlu tiegħi fis-sema."

Il-ġibda għall-arti kienet hemm ġewwa fih b'mod naturali. Ray ma kien mar imkien sabiex jitħarreġ fl-arti, tgħallem waħdu jew forsi aħjar għallem lilu nnifsu. Prattikament hu beda l-arti ta' età żgħira. Maż-żmien, kien ġie influwenzat ukoll mill-arti surrealistika tal-artist magħruf Spanjol Salvatore Dali, li kien ħalla wkoll impatt qawwi fuq l-arti futuristika tiegħu. Nistgħu ngħidu wkoll li dan l-istil issopravenda l-arti tiegħu. "Jien l-arti bdejtha minn meta kelli tlettax-il sena u minn dak iż-żmien 'l hawn produċejt madwar sitt elef biċċa xogħol tal-arti; minn fosthom jinsabu kif għidt f'palazzi, knejjes, f'binjiet statali, f'kollezzjonijiet permanenti waqt li fil-biċċa l-kbira tagħhom f'imkejjen privati ma' oħrajn li jinsabu 'l hinn minn xtutna.

Meta kont ġejt biex inpitter lil Perit Mintoff, niftakar kienu qaluli sabiex nibda mmur narah fil-meetings. Kont nintefa' fit-tielet jew ir-raba' filliera mill-palk fejn kien ikun hu, qalb in-nies. Kont inkun letteralment taħtu. Hu ma kienx xi bniedem li ser joqgħodlok bil-paċenzja jippużalek biex tpingih u tkun tista' taqbad ċertu dettalji u espressjonijiet; li jgħinuk ħafna meta tiġi biex tipproduċihom fuq it-tila jew bord li kien ikollok. Min hu fil-mistier jaf x'irrid ngħid. Kelli ritratt tiegħu sintendi u mxejt fuqu. Ha ngħidlek waħda… tara lil Mintoff minn fuq ritratt għal tara lil Mintoff fir-realtà, hija storja kompletament differenti. Jien għalija Mintoff kien ġgant

kbir fil-personalità qawwija li kellu, apparti l-kapaċitajiet l-oħra li kellu fil-politika, eċċ. L-espressjonijiet tiegħu ħadthom waqt il-mumenti li kont inkun hemm quddiemu viċin kemm jista' jkun; mingħajr ma hu kien ikun jaf b'dan. Sintendi, dawn kienu jkunu għalija struzzjonijiet u mhux għax jien inkun tlabt hekk".

Raymond Pitrè huwa wkoll meqjus bħala pilastru fejn tidħol ix-xjenza fl-arti Maltija. Hu sar ukoll kumpant fl-Ordni tal-Mertu, b'ġieħ li ngħata f'Jum ir-Repubblika tas-sena 2000, għal kontribut siewi tiegħu fil-qasam tal-arti.

Lejn tmiem iż-żjara li għamilna, b'kurżità staqsejtu wkoll dwar kunjomu; minn fejn oriġina, qalli "Pitrè huwa kunjom antikissimu ġej mir-reġjun ta' Palermo..." u quddiem dik il-personalità, mhux għax tant biss artist tassew bravu u plorifiku Malti; iżda wkoll minħabba l-esperjenzi tal-ħajja, bit-tiġrib kollu tagħha - ma setax jonqos milli tlabtu sabiex jagħti parir, jgħid xi ħaga lill-qarrejja, eċċ.

"Fil-ħajja tgħallimt illi n-nies li tiltaqa' magħhom, ħafna drabi jkunu dawk li jidderiġuk fit-tajjeb. Sfortunatament tiltaqa' ma' oħrajn li flok li jidderiġuk jiżgwidawk, jekk mhux ukoll jipprovaw jirrovinawk. Jien naħseb li ltqajt mat-tnejn li huma. Barra minn hekk, ngħid għalija ħajti ma kinitx xi waħda faċli...! Imma xorta waħda nagħmel kuraġġ lil kull min qiegħed isegwi; sabiex qatt m'għandu jaqta' qalbu; kull żmien jew sitwazzjoni li niġu fiha, b'xi mod jew ieħor, sejjer issib jew tiltaqa' ma' dak ix-xi ħadd, ma' dik is-sitwazzjoni, il-parti t-tajba li ser twasslek għal x'imkien li jkun ta' ġid u jgħodd għalik....u fl-aħħar mill-aħħar tinsa qatt, Alla dejjem hemm għall-bniedem".

joseph.q.borg@gov.mt









INDUSTRIE CELTEX

EU Ecolabel

Save Plus Range

WJPE are now stocking Industrie Celtex products. The **Save Plus** range enables you to save money without compromising on the **Celtex guarantee of quality**.

**Save Plus**, **saves the environment** and **saves money**, thanks to **Ecolabel, PEFC** certifications and extremely competitive positioning.

**Save Plus** range of products spans from industrial rolls to the toilet area, where daily consumption is high.

**Save Plus** is the **smart option** for a **quality product** that is **respecting the environment**.

For more information, contact us on 2123 7175 or email us at info@wjpecommercial.com

W.J. Parnis England
Commercial Division

www.wjpecommercial.com

Tel: 2123 7175; Email: info@wjpecommercial.com



MALTA POLICE ASSOCIATION
YOUR INDEPENDENT UNION

minn Neville Mercieca, Segretarju Eżekuttiv

**Il-Konsultazzjoni? L-ewwel nagħmlu, imbagħad nirranġaw jekk xi ħadd jitkellem!**

Għal ċerti individwi, il-kelma konsultazzjoni jista' jkollha tifsiriet differenti, ħlief dik li verament hi u ċioè li titkellem ma' dawk li sejrin ikunu milquta minn dik l-azzjoni, jew iktar faċli mar-rappreżentanti ta' dawn, qabel mal-ħaġa ssir.

Il-lingwa Ingliza tgħallimna li consultation involves taking into account of as well listening to the views of employees and must therefore take place before decisions are made. Making a pretence of consulting on issues that have already been decided is unproductive and engenders suspicion and mistrust about the process amongst staff.

Pajjiż tal-Unjoni Ewropea, li suppost huwa modern u jiftaħar li huwa 'il quddiem għad-drittijiet li joffri liċ-ċittadini tiegħu, ma jistax jibqa' jinħeba mir-realtà li konsultazzjoni hija jew non-eżistenti jew meta ssir, tkun fi stadju tard wisq.

Il-fatt li l-Korp tal-Pulizija huwa Korp Dixxiplinat, ma jfissirx li tibqa' għaddej fuq il-ħaddiem u timplimenta dawk il-miżuri li min ikun qiegħed jagħmilhom, jaħseb li huma l-aħjar mingħajr is-sehem ta' sfera ikbar ta' nies li żgur jistgħu joffru perspettivi differenti.

Aħna nifhmu li hemm bżonn li l-Korp jiċċaqlaq, jimmodernizza ruħu, mhux biss fis-servizzi li joffri liċ-ċittadin, iżda wkoll fl-ambjent u kundizzjonijiet li joffri lill-impjegati tiegħu, iżda dawn għandhom ikunu b'rispett lejn l-istess ħaddiema mingħajr ma tinħoloq ansjetà żejda mingħajr bżonn, u li kieku kien hemm konsultazzjoni minn qabel, dan seta' jkun evitat u l-azzjoni tkun saret aħjar, b'aktar appoġġ u mingħajr problemi.
Ħadd ma għandu jistenna li l-Union tibqa' siekta meta jiġu implimentati miżuri li ma jkunux ta' ġid għall-membri tagħna, iktar u iktar wara li ma nkunux ġejna kkonsultati. L-MPA, bħal dejjem, toffri d-disponibilità tagħha sabiex tgħin biex il-Korp verament ikun il-post tax-xogħol ideali u l-għażla naturali tal-ħafna, mingħajr il-bżonn li tiżdied l-età jew jitnaqqas jew jiżdied it-tul, biex tidħol fil-Korp.

**Libertà tal-Espressjoni.**

Nibda mill-ewwel billi nserraħ moħħ in-nies li l-MPA taqbel li membru tal-Korp għandu jkun imparzjali u għandu joqgħod 'il bogħod minn azzjonijiet li jirrendih mhux tali. Però din l-imparzjalità hija stabbilita mil-liġi tal-pajjiż.

Anki fuq din il-kwistjoni, il-Union għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara u mhix sejra ċċedi fuq l-ebda prinċipju u dritt fundamentali u bħal ma diġà għamlet, forsi b'mod meqjus għax kienet l-ewwel darba li saret u forsi kien hemm bżonn ta' kjarezza, sitwazzjonijiet simili bħalma ġara sejrin jiġu ffaċċjati minn azzjonijiet ħafna iktar ħorox.

Nerġgħu nħeġġu lil kulħadd fl-importanza tal-imparzjalità f'kull qasam u fl-importanza tal-professjonalità totali u kompleta fix-xogħol tagħna li ta' kuljum, jolqot u għandu influwenza diretta fuq iċ-ċittadin li l-aktar għandu bżonn.

**L-ambjent tax-xogħol.**

Matul is-snin, dejjem kien hemm tentattivi li jiġu rranġati għases, uffiċini u postijiet tax-xogħol fejn ta' kuljum, jaħdmu l-membri tal-Korp, kemm dawk maħlufa u kemm pajżana.

Ċerti drabi, din kienet tikkonsisti minn naqra żebgħa ta' kulur li jixbah lil griż 'moth' li ċertament mhux pjacevoli u forsi xi lok ġie magħmul fuq il-fil sabiex ikun jirrispekkja xi djar antiki maltin. Pero l-għassa mhix dar u r-rinovar għandu jsir għall-iskop li l-post sejjer jintuża għalih u mhux skont il-gosti personali ta' min jieħu ħsieb dak ir-rinovar.

Almenu, dawn l-aħħar ftit snin, l-għases qegħdin jiġu rinovati b'mod aħjar, però xorta mhumiex post addattat. Fejn huma ċ-changing rooms u forsi shower. Is-shifts huma twal u tista' tiltaqa' ma kull ċirkostanza u li ma għandekx imqar fejn tbiddel jew sempliċiment tieħu shower ħafif sabiex tkun tista' tagħti s-servizz tiegħek b'mod iktar adegwat, ma naħsibx li fis-sena 2021 tkun qiegħed titlob ħafna.

Nerġa' mmur għall-ewwel punt tiegħi, forsi jekk xi ħadd jikkonsulta, il-prodott finali jkun aħjar.

**Shop Stewards.**

L-MPA temmen li l-kuntatt dirett mal-membri huwa importanti ħafna u għalhekk ħarget sejħa li sejra tibqa' miftuħa għall-Shop Steward. Inħeġġiġkom biex tagħtu s-sehem tagħkom sabiex bl-għajnuna ta' kulħadd, nimxu 'l quddiem. Għalxejn noqogħdu ngorru u ngħidu li ta' barra minn Malta aħjar minna, għax bil-garr, dwejjaq u iktar apatija se ġġib.

Dawk interessati għandhom jibagħtu email fuq exsec@mpa.org.mt.

Nixtieq infakkarkom ukoll li l-MPA għandna website li tinżamm aġġornata b'mod regolari u li l-membri jistgħu jilloggjaw bil-password tagħhom sabiex jaċċedu għall-aħbarijiet u benefiċċji riservati għall-membri.

**Pandemija.**

L-MPA hija sodisfatta li l-membri tal-Korp bdew jiġu mlaqqma sa mill-11 ta' Frar 2021 (apparti dawk stazzjonati ġewwa l-isptarijiet li ħaduh qabel) u b'hekk l-isforz li għamlu matul dawn l-aħħar xhur ġie rikonoxxut b'dan il-ġest. Inħeġġeġ lil kulħadd (almenu dawk li fadal sakemm jiġi ppubblikat dan l-artikolu) sabiex iżomm mal-appuntament u jitlaqqam. Anki jekk l-appuntament ikun wara night watch, għid grazzi li ngħatajt prijorità u mur.

Għalkemm forsi dan l-artikolu jinħass bħala wieħed li jikkritika ħafna, din hija bżonnjuża u kostruttiva u aħna għandna l-bieb miftuħ u dawk li verament iridu l-ġid, għandhom jieħdu din l-opportunità. Żgur li ż-żmien tal-proset u grazzi għal kull ma jsir, meta ħafna minnhom ikunu ilhom li suppost saru, m'għadux loku. Ma jfissirx li l-Korp mhux se jibqa' dixxiplinat. Ifisser li se jkun iktar professjonali u rispettat anki internament.

Nawguralkom l-Għid it-tajjeb, filwaqt li nittamaw li din il-pandemija ma ddumx fostna u b'hekk inkunu nistgħu nkomplu b'ħajjitna b'mod normali.


PINCOTT SECURITY
Since 1972
Professional Designers, builders, suppliers of Safety Rooms and Vaults in the highest Grades with 48 years' of experience. Secured further with our Intruder and Fire alarm systems, CCTV and other type of Security solutions.
185, Security House, Rue D'Argens, Msida | Tel: 2133 0200
Email: sales@pincottsecurity.com
www.pincottsecurity.com


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
Good Job!
15:01
Thursday:
Hill Workout
ALEX
10:10
GARMIN
Now is the perfect time to move


SPAZJU
KREATTIV
NATIONAL CENTRE FOR CREATIVITY
ART
EXHIBITIONS
THEATRE PLAYS
CINEMA
LIVE CONCERTS
Il-Qalba tal-Kreattività
#SpazjuKreattiv
kreattivita.org
+356 21223200
St James Cavalier, Castille Place, Valletta, VLT 1060, Malta



# L-impatt emozzjonali tas-suwiċidju

Employee Support Programme Unit

Is-suwiċidju huwa realtà li ftit li xejn nitkellmu dwarha. Ħafna minn dawk li jaħsbu biex jagħmlu suwiċidju mhux neċessarjament ikunu jridu jmutu, imma fl-uġigħ psikoloġiku u kultant anki fiżiku, li jkunu qed jesperjenzaw, is-suwiċidju jsir l-unika tama ta' mistrieħ. Bla dubju, l-impatt tas-suwiċidju huwa diffiċli u kumpless kemm fuq dawk qrib tal-vittma imma wkoll fuq dawk li huma esposti għas-suwiċidju waqt xogħolhom. Dawn jinkludu l-ħaddiema li jagħtu l-ewwel għajnuna, fosthom il-pulizija.

L-esperjenza tas-suwiċidju hija esperjenza trawmatika li taffettwa lil ħafna nies b'modi differenti u tqajjem emozzjonijiet kumplessi bħal rabja, biża', ħtija u ansjetà. L-effett tat-telfa wara suwiċidju huwa proċess uniku u delikat, mimli bi sfidi varji u possibbilment b'impatt negattiv fuq is-saħħa mentali. Kemm jekk inti qarib ta' persuna li mietet b'suwiċidju, kif ukoll jekk kont espost għal suwiċidju waqt il-qadi ta' dmirijietek, l-impatt tas-suwiċidju huwa tqil. Meta mqabbla ma' mwiet oħra, mewta b'suwiċidju hija partikolarment diffiċli għax tqajjem ħafna mistoqsijiet dwar x'seta' kien li wassal għaliha.

Il-pulizija ħafna drabi jkunu minn tal-ewwel li jaslu fuq il-post meta jitwettaq suwiċidju jew ikun hemm xi ħadd f'riskju li jneħħi ħajtu. L-irwol tagħhom jinvolvi dmirijiet diffiċli bħal negozjar mal-persuna li tkun qed tipprova ttemm ħajjitha jew li jagħtu l-aħbar ħażina lill-familjari u jkunu magħhom biex isabbruhom. Meta pulizija jesperjenza suwiċidju waqt il-qadi ta' dmirijietu, huwa komuni li jħoss dwejjaq, rabja u sens ta' ħtija li forsi seta' jagħmel xi ħaġa iżjed biex il-persuna ssalva. Dawn l-esperjenzi, flimkien ma' sitwazzjonijiet trawmatiċi oħra li l-pulizija jaffaċċjaw b'mod regolari, jistgħu jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tal-pulizija nnifsu. F'dawn is-sitwazzjonijiet, m'hemmx reazzjoni tajba jew ħażina għax kull individwu se jesperjenzaha mil-lenti taċ-ċirkostanzi tiegħu. Reazzjonijiet komuni wara li wieħed jesperjenza sitwazzjonijiet trawmatiċi jinkludu xokk, nuqqas ta' aptit, diffikultajiet ta' rqad u ħolm ikrah, abbuż mill-alkoħol, impulsività u irritabbiltà, fost ħafna oħrajn.



Fl-esperjenza tas-suwiċidju huwa importanti ħafna li wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u tas-saħħa mentali tiegħu. Skont il-mod kif wieħed kien espost għas-suwiċidju, jgħin li l-persuna tfittex għajnuna professjonali biex tindirizza l-impatt emozzjonali li jħallu dawn l-esperjenzi.

Għalkemm il-pulizija forsi ma jkunux jafu lill-vittma b'mod personali, min ikun espost għas-suwiċidju waqt xogħlu, tajjeb li jirrikonoxxi li din hija esperjenza diffiċli u trawmatika. Esperjenza li tħalli emozzjonijiet kumplessi u li jistgħu jaffettwaw sferi oħra fil-ħajja tal-individwu. Sfortunatament, membru fil-korp tal-Pulizija jista' jħossu ta' piż għal dawk ta' madwaru jekk jiftaħ qalbu fuq kif qed iħossu wara sitwazzjonijiet trawmatiċi fuq ix-xogħol. Għaldaqstant, huwa komuni ħafna li pulizija jiżola ruħu, anki fil-familja. Realtà oħra tista' tkun li l-pulizija nnifsu jkun qed jesperjenza ħsibijiet ta' suwiċidju, jew xi ħadd fil-qrib tiegħu miet b'suwiċidju. F'dal-każ, il-pulizija jkun ħafna iktar vulnerabbli jekk jiġi espost għas-suwiċidju waqt xogħlu. Ladarba min-natura ta' xogħolhom ħafna pulizija jesperjenzaw numru ta' sitwazzjonijiet diffiċli waqt xogħolhom, importanti li jirriflettu u jkunu konxji tar-reazzjonijiet tagħhom u kif qed iħossuhom, għax kull esperjenza tista' taffettwahom b'mod differenti. Għalkemm ħafna pulizija jsibuha diffiċli biex jitkellmu fuq ċirkostanzi diffiċli relatati ma' xogħolhom, din hija parti neċessarja mill-proċess li wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Jekk esperjenzajt sitwazzjonijiet trawmatiċi u tħoss li qed issibha iżjed diffiċli biex tkampa, tiddejjaqx tfittex l-għajnuna. L-Employee Support Programme jipprovdi għajnuna psikoloġika, kunfidenzjali, u professjonali għall-impjegati pubbliċi, inkluż dawk fil-Korp tal-Pulizija. Għal aktar informazzjoni tista' ċċempel fuq 2200 1210, tibgħat email fuq esp.opm@gov.mt jew iżżur is-sit www.esp.gov.mt


carini
Bathrooms
& Tiles
435,
St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


STANDARD AND
CUSTOM-MADE STAIRCASES
Calibre
INDUSTRIES
Architectural Aluminium, Glazing,
Steel, Timber & Turnkey Projects,
Furniture & Joinery Work
UB32, Industrial Estate, San Gwann
t: 2148 9821 / 2 • e: info@cortisgroup.com
www.cortisgroup.com
www.facebook.com/CortisGroupCalibreIndustries


econetique.
EXPERTS
for your
tailor-made
solution
PV Grants &
Feed-in Tarrifs
ARE OUT
CONTACT US NOW
Turn Green with Econetique
Xewkija Industrial Estate Xewkija
FXB House, Mdina Road, Qormi
Tel: 2155 0604
info@econetique.com



MOTOMANIA
icon
Puig
Local representatives of OXFORD rider equipment, SLINE and BHR Helmets, Puig motorcycle accessories, ICON range of helmets and clothing, Sprint steering dampers, Polini,Malossi and RMS scooter accessories and much much more!!
Motomania, Eucharistic Congress Road, Mosta
Tel: 2746 5262 Mob: 9946 5262
Email: info@motomania.com.mt
www.motomania.com.mt




fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt




e-niro
ECO electric
Niro Never Looked So Good.
MOTORS INC
KIA
Movement that inspires


AMBUSERV
Animal Rescue
Ambulance 24/7
PROFESSIONAL PRIVATE
ANIMAL MEDICAL CARE
Our dedicated team offers
professional and reliable
PET TRANSPORT SERVICE
to a clinic of your choice
in case you are in
quarantine due to covid.
FULLY EQUIPPED EMERGENCY AMBULANCES
Call: 99 200 100 or 99 333 112
Email: px.mediforce@gmail.com
animalambulancemalta@gmail.com


GODWIN'S GARAGE
ALL SPECIFICATIONS FOR YOU TO CHOOSE FROM
Godwin`s Garage is the largest
vehicle rentals and leasing company
in Malta with more than 400 commercial
vehicles, scissor lifts, platforms,
boom lifts and cherry pickers
Tel: (356) 2137 7007 / 2142 4771 /1/2/3
Mobile: (356) 9949 2584 / 7947 8990 / 7944 4915
www.godwinsgarage.com
email: godwin@godwinsgarage.com


BOOST
PREMIUM QUALITY DIESEL 55 60
ASK FOR BOOST
AT YOUR NEAREST SERVICE STATION
REGISTER TO BENEFIT
www.boostdiesel.com

POU GWU
Police Officers Union

minn PS 1583 Steve Spiteri - Viċi President

Nilqagħkom għall-ewwel ħarġa tal-magazin Il-Pulizija għas-sena 2021. Ovvjament ħerġin minn sena iebsa ħafna, kemm bħala pajjiż u anke bħala Korp. Kellna sfidi ġodda li qatt ma kellna bħalhom kif ukoll jaf hawn min intlaqat fil-ħajja personali tiegħu. Għalkemm bdejna sena ġdida xorta ma ħallejniex il-pandemija warajna iżda nkunu pożittivi u nħarsu 'l quddiem u nittamaw li bil-vaċċin immorru ħafna aħjar u nkomplu l-ħajja minn fejn ħallejnieha.

Wara li kellmuna xi membri Għawdxin rigward li qed ikollhom jaqsmu lejn Malta minħabba xi taħriġ li jkollhom l-Akkademja, il-Police Officers Union talbet lill-amministrazzjoni jekk jistax il-Korp jipprovdi transport miċ-Ċirkewwa u lura. Il-Korp laqa' t-talba tagħna u fil-fatt ħa jkun hemm vettura li ser tintuża biex il-membri Għawdxin ikunu jistgħu jmorru l-Akkademja u lura lejn iċ-Ċirkewwa.

Kellna wkoll tliet każijiet ta' extra duty li kien inħadem żmien ilu fejn il-membri tal-Korp kienu baqgħu ma tħallsux. F'żewġ każi minnhom il-membri tħallsu u fl-aħħar laqgħa li kellna mal-amministrazzjoni dwar it-tielet każ li jmur lura għal 2017, tawna indikazzjoni li ser jitħallas ukoll. Rigward is-sistema l-ġdida ta' kif ser jitħallsu l-membri tal-Korp rigward extra duty, minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kummissarju u lill-amministrazzjoni li laqgħu din it-talba. Aħna bħala Police Officers Union konna pproponejna sistema simili fejn il-membri jitħallsu kull xahrejn mill-Korp u jkun il-Korp li jitħallas mingħand it-terzi.

Fil-laqgħa riċenti li kellna mal-Kummissarju u l-amministrazzjoni erġajna wassalna diversi lmenti. Fost dawn kellna t-tindif tal-bullet proof vests, kemm dawk li għandna fl-għases kif ukoll dawk li hemm fuq il- fixed points. Issuġġerejna wkoll li f'kull fixed point għandu jkun hemm ir-ritratt tal-persuna li qed issir għassa magħha. Sirna nafu wkoll li l-Korp kien ħa jaqbad sistema li kull ħames snin ikun hemm rotazzjoni tan-nies stazzjonati fid-distrett. Aħna bħala POU konna wrejna li ma naqblux magħha u għaddejna r- raġunijiet tagħna. Nikkonfermaw li din l-idea ġiet skartata u fil-fatt hemm l-opportunità li wieħed jista' japplika biex jiċċaqlaq minn distrett għal distrett. Punt ieħor li semmejna huwa n-nuqqas ta' nies fid-distretti.

Tkellimna wkoll fuq il-'likes' u l-kummenti fuq il-midja soċjali fejn diversi Pulizija ġew mitluba jagħmlu statement kif ukoll ingħataw verbal warning. Għajnuna legali ġiet mogħtija bħal dejjem b'xejn lill-membri tagħna mill-Avukat Dr Herman Mula. Waqt il-laqgħa wassalna l-punt li għalkemm naqblu li ċertu kummenti ma jagħmlux unur lil Pulizija ma nistgħux immorru minn estrem għall-ieħor. Fis-sena 2020 erġajna rajna l-introduzzjoni tas-seduti ta' dixxiplina. Kienu numerużi t-talbiet għal assistenza legali; kemm f'dawn is-seduti, waqt it-teħid ta' statements u d-dritt ta' avukat waqt inkjesta. Dan id-dritt intuh b'xejn lill-membri tagħna u jingħata minn Dr Herman Mula.

Fl-ewwel paga ta’ dis-sena l-RPCs kellhom żball fil-paga. Dawn tħallsu b’rata differenti minn dik li suppost tħallsu biha. Wara li ktibna lill-amministrazzjoni, ikkonfermajna li kien żball u li d-differenza fil-pagi ser ikunu qed jitħallsu fil-paga li jmiss. Jekk hemm xi membru li għadu ma ħadhomx nitolbuh jibgħat email fuq *policeofficersunion@gmail.com* jew jagħmel kuntatt ma’ RPC Stephen Vassallo, ix-shopsteward responsabbli mill-RPCs.

Punt ieħor li semmejna huwa l-leave tal-kwarantina. Sal-ħin tal-kitba ta’ dan l-artiklu, it-taħditiet għadhom għaddejjin kemm mal-Prim Ministru kif ukoll mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Aħna nsostnu li bħala Pulizija m’għandna xejn inqas minn ħaddiema oħra u mhux talli m’għandux jinqata’ mis-sick leave tagħhom waqt li jkunu bil-kwarantina iżda wkoll li ma jitilfu xejn bħala finanzi. Ma rridux ninsew li hawn ħafna li ġew pożittivi jew spiċċaw kwarantina minn fuq il-post tax-xogħol u tilfu l-flus tal-Ħdud kif ukoll tnaqqsulhom l-allowances. Meta niġu għall-prova l-Pulizija dejjem insibuhom bħala front liners allura f’dawn iċ-ċirkostanzi għandna nqisuhom l-istess.

Bħalma għamilna fl-aħħar reklutaġġi, il-Police Officers Union talbet biex ikollha ħin allokat mar-rekluti li għaddejjin bir-reklutaġġ tagħhom ġewwa l-Akkademja. Kienu sessjonijiet interessanti ħafna fejn saru diversi mistoqsijiet relatati mal-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-individwu. Il-membri tal-Kumitat tal-Police Officers Union li kienu preżenti għal dawn il-laqgħat enfasizzaw fuq l-importanza li wieħed ikun membru f’unjin.

Bħal kull sena il-Kumitat tal-POU GWU, fil-Milied li għadda ra kif seta’ jagħmel differenza f’ħajjet in-nies. Fil-fatt ingħatat donazzjoni lil food bank, donazzjoni lil L-Arka ġewwa Għawdex kif ukoll donazzjoni lil familja li kienet għaddejja minn żmien xejn sabiħ kemm bħala mard kif ukoll il-qagħda finanzjarja tagħhom. Hawnhekk il-Kumitat jirringrazzja lil pubbliku inġenerali tal-ġenerożità tagħhom sabiex dil-familja ngħatatilha l-għajnuna meħtieġa. B’dan il-ġest żgur li għamilna differenza f’ħajjet din il-familja.

Bħal dejjem inħeġġiġkom tidħlu membri fil-POU GWU, l-unjin li tagħmel differenza. Għal aktar informazzjoni tistgħu tibagħtu messaġġ fuq il-paġna tagħna ta’ facebook jew permezz ta’ email fuq *policeofficersunion@gmail.com* jew titkellmu mal-membri tal-kumitat jew ix-shopstewards tagħna.

Insellmilkom




CAMEL BRAND
FOOD PRODUCTS
Trade enquiries:
Tel: 21466292
E-mail: info@camelbrand.com
Web: www.camelbrandmalta.com


fior di Vita
CHEDDAR
PEPATO
EMMENTAL
QUALITY
Trade Enquiries:
+356 21 463 600
www.qualityfoods.com.mt
facebook.com/qualityfoodsmarketing


Haier
Air Conditioner & Air Purifier
TITAN
International Ltd
23474000
info@titan.com.mt

## Swaey Bros Ltd
Malta

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.




- Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

**"Vella Garage" Notabile Rd,**
**Il-Blata l-Gholja, Mosta MST 11**
**Tel: +356 21416163 / 21433380,**
**Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.**
**www.swaey.com email: swaey@swaey.com**

## Homemate
Malta's Largest Home Improvement Store



 

# International Police Association

Malta Section

**IPA celebrated its 70th Anniversary** since its foundation in 1950. IPA has been, throughout the years resilient and an adaptable organization, capable of uniting police officers from across the world, even in the most difficult times through friendship and common professional values. 2020 has been a difficult year for all of us, a year which disrupted our daily lives and challenged our relationships and put to the test the foundations of our values. IPA remains committed to its core aims and values and to assist its members in every way possible.

**Visit to Cologne by IPA Malta members**

Following arrangements with IPA Germany Section, the Treasurer of IPA Malta Mr Joe Mamo and member Mr Joe Borg met with two German Police colleagues on the 17th October 2020. Officer Diana Bohnert and Alice Unger are serving officers at the Polizei kommissarin at the North Rhine-Westphalia State Police.

Alice herself had attended IPA Foreign Police Internship with the Malta Police during the summer of 2014, whilst Diana is planning to participate in the coming years. We discussed mutual matters related to police work and experiences gained by past German officers who have attended the internships with the Malta Police. Unfortunately the planned internship for 14 participants during the summer of 2020 had to be cancelled due to the Covid-19 crisis. Alice and Diana were kind enough to show us touristic sites at the two major cities of Cologne and Bonn. We also found time to meet with their family members. It was also a very nice surprise to learn that their father Konrad was also a high ranked officer and is now enjoying his retirement.

**IPA Malta Membership**

The National Executive Committee would like to thank all those members who supported us during this difficult year. We wish to remind you that renewal for 2021 can be made at the IPA office in Marsa every Monday morning. Membership free costs €10 for 1 year and €25 for 3 years. Those renewing for 3 years will be given an IPA Malta lapel pin as a gesture of appreciation.

The National Executive Committee, wish you a Happy Easter and above all, good health to you and your families in these difficult times.We also take this opportunity after more than a year since the beginning of this pandemic, to thank all front liners, especially the members of the Malta Police Force.

Servo Per Amikeco
The Executive Committee.







ROCK
CUT

• DEMOLISHING • EXCAVATION • TUNNELING & MUCH MORE...

*Tel: 21802726*

*e-mail: info@rockcut.com.mt*



# Paġna tal-Isports

Football Charity Match Mission 4 Changes

Nhar it-3 ta' Jannar 2021 ġewwa l-Football Ground iż-Żurrieq, intlagħbet logħba ta' ħbiberija bejn selezzjoni ta' membri fi ħdan il-Korp tal-Pulizija kontra t-tim ta' Qormi Eagles, li jilagħbu fil-league lokali tal-YASC. Din il-logħba seħħet wara li l-Kumitat Sportiv irċieva invit mill-għaqda Mission 4 Changes sabiex issir logħba ta' ħbiberija. Ta' min jgħid ukoll li nġabret is-somma ta' €210 li ngħatat bħala donazzjoni b'risq il-Missjoni lill-imsemmija għaqda, irrappreżentata mis-Sur Anselmo Bugeja. Ir-riżultat kien dak ta' 6-1 favur it-tim tal-Pulizija magħmul minn membri li jagħmlu parti mit-Tims A, B u dak tal-5 a-side tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Kumitat Sportiv jirringrazzja lil kull min ħa sehem u pparteċipa f'din il-logħba fejn l-għan prinċipali kien li tingħata l-għajnuna lil dawn in-nies fil-bżonn.

**Intervista**
**lill-membru tal-Korp**

Dixxiplina - CrossFit
Spettur Daryl Borg
Stazzjonat - 1 PD
Età - 33 Sena
Snin ta' Servizz - 9 snin




**1. Kemm ilek tipprattika din id-dixxiplina?**
Jiena bdejt nagħmel attività fiżika madwar 9 snin, eżattament qabel ma applikajt biex nidħol fil-Korp tal-Pulizija fejn bdejt nattendi regolari ġo gym fl-Imsida. Niftakar li fis-sena 2015 kont attendejt għal sessjoni ta' taħriġ fiżiku ġewwa 'The Pit' ġewwa l-Ħamrun fejn skoprejt il-'CrossFit'. Tista' tgħid li minn dakinhar sal-lum il-ġurnata għadni nattendi regolarment.

**2. X'jinvolvi dan l-isport sabiex tkun tista' tipparteċipa u tikkompeti?**
Il-'CrossFit' inħoloq ġewwa l-Istati Uniti fis-sena 2000 u huwa sport relattivament ġdid iżda li qiegħed iħalli impatt kbir f'kull pajjiż. Ġewwa Malta nsibu madwar 7 gyms li jiffukaw fuq dan l-isport. Dan l-isport jinvolvi numru ta' dixxiplini fosthom; weightlifting, powerlifting, ġinnastika u atletika fost l-oħrajn. Matul is-sena jkun hawn ħafna kompetizzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali fejn wieħed irid jikkwalifika biex ikun jista' jattendi.




**3. L-ewwel unur tiegħek?**
L-ewwel unur tiegħi jmur lura għas-sena 2017 fejn kont ikkwalifikajt sabiex nieħu sehem fi Sqallija għas-'Sicily Throwdown 2017' fejn kont ikklassifikajt fil-11-il post minn 60 li pparteċipaw.

**4. L-akbar unur tiegħek?**
Wieħed mill-akbar unuri kien meta kkwalifikajt għal 'Crossfit Games' tas-sena 2019 ġewwa l-Istati Uniti. Kien hemm madwar 150 mill-aqwa atleti fid-dinja fix-xena tal-'CrossFit' fejn kelli ċ-ċans nikkompeti kontrihom. Kienet esperjenza indimentikabbli. Din is-sena ħadt sehem għall-ewwel darba f'kompetizzjoni tal-Weightlifting fejn spiċċajt fl-ewwel post fil-kategorija 81-89Kg u ħadt it-titolu ta' 'National Champion'.

**5. Kif tlaħħaq max-xogħol u l-isport?**
Jiena nipprova nippjana l-ġurnata minn qabel imma sfortunatament ix-xogħol tal-Pulizija huwa imprevedibbli u mhux dejjem ser ikun possibbli tattendi għat-taħriġ f'ħin stipulat. Meta ma jirnexxilix immur 'The Pit' xorta nsib mezz biex nagħmel xi tip ta' attività fiżika oħra bħal ġiri. Meta x-xogħol jippermetti, nattendi għat-taħriġ 5 t'ijiem fil-ġimgħa għal madwar sagħtejn.

**6. Tipprattika xi sport ieħor?**
Fil-verità nieħu pjaċir nagħmel kull tip ta' attività fiżika iżda m'hemmx sport ieħor li nipprattika barra l-'CrossFit'.

**Intervista**
**lill-membru tal-Korp**

Dixxiplina - Darts
Pc 814 Gordon Stanmore
Stazzjonat – Security Branch Immigration
Età – 41 sena
Servizz - 14-il sena



**1. Kemm ilek tipprattika din id-dixxiplina?**
Ili nipprattika d-darts 30 sena fuq livell nazzjonali u internazzjonali, bħala individwali u f'teams. Irrappreżentajt lil Malta 18-il darba bħala membru tat-Tim Nazzjonali, fil-World Masters, European Cup u Mediterranean Cup.

**2. X'jinvolvi dan l-isport sabiex tkun tista' tipparteċipa u tikkompeti?**
Paċenzja, konċentrazzjoni u determinazzjoni. Tista' tipprattikah ukoll waħdek fil-kumdità ta' darek u ma jinvolvix xi spejjeż partikolari.

**3. L-ewwel unur tiegħek?**
Champion ta' Malta tas-singles under 18 ta' 15-il sena. Sena wara rbaħt l-istess unur plus iċ-Champion ta' Malta tas-singles overall (tal-kbar).





**4. L-akbar unur tiegħek?**

Semi-finalist fis-singles tal-World Championships tal-youths fl-1996. Bħala unuri oħra importanti, fis-singles kont tliet darbiet Champion ta' Malta taħt it-18-il sena, darbtejn Champion ta' Malta overall (tal-kbar) u għal ħafna drabi 'Player of the year' u 'Overall player of the year' hekk kif skont il-klassifika ġenerali fl-aħħar tal-istaġun.

Lokalment irbaħt l-unuri kollha li joffri d-darts f'Malta, kemm fis-singles, doubles u timijiet. Internazzjonalment, apparti li dejjem kelli placing tajjeb f'tournaments kbar tas-singles, li jkunu jikkonsistu f'aktar minn 300 player, kont spiċċajt finalist tas-singles fil-Malta International Darts Open fl-1996. Irbaħt ukoll tliet darbiet id-doubles tal-Malta International Darts Open u fl-2013, fil-Mediterranean Cup li ntlagħbet ġewwa t-Turkija rbaħt ukoll id-doubles.

**5. Kif tlaħħaq max-xogħol u l-isport?**

Mhux faċli, imma vantaġġ żgħir huwa li ħafna mil-logħob jintlagħab filgħaxija u jirnexxili nsib il-bilanċ għal-logħob u t-training. Trid tkun b'saħħtek ħafna mentalment għaliex trid tipprepara sew għal-logħob u trid tkun trankwill. Ħafna drabi jkolli nirrikorri għall-vacation leave biex inlaħħaq, speċjalment meta jkolli xi logħob importanti. Jiena ma ngawdi mill-ebda skema tal-gvern ħlief li nkun intitolat għal-leave speċjali meta nsiefer mat-Tim Nazzjonali.

**6. Tipprattika xi sport ieħor?**

Le imma nsegwi ħafna l-futbol u supporter tal-Milan.





ENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Importers & Suppliers of:
• Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
• Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
• Different Types of Cement (grey & white)
• Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
• Gypsum in bags & other building materials
FOR BEST QUALITY & SERVICE
Office: 21 232 920 / 21 667 050
Office: 99 497 023 / 99 992 920
Office: 21 221 659
Silo Mobile: 99 064 033
Silo Mobile: 99 431 787
35 YEARS
EXPERIENCE
CENTRAL CEMENT LIMITED MALTA
PORTLAND CEMENT
42.5 R
Type II/A-LL
50 Kg
'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com


mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works


Kee Klamp
STRUCTURAL FITTINGS
for 1001 uses
Kee Klamp jointed Tubular Construction
Kee Klamp jointed Storage Racking
Kee Klamp jointed Guard Railing
Kee Guard Roof Edge Protection
Hiring of KEE KLAMP jointed Mobile Access Towers, Trusses, Staging, Event Structures, Platforms, Hoarding, Spectator Grandstands, etc.
www.keesafety.co.uk
JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.
ENGINEERS & CONTRACTORS
121, Marina Street, Pieta' PTA 9043 E-mail: ozzi@jfspiteri.com.mt
Tel: 21 24 66 70 Mob: 99 49 05 38
FORGECO
SCAFFOLDING COUPLERS
www.forgeco.co.uk
Revvo
Scaffold Castors
www.revvo.co.uk



# Malta Association of Retired Police Officers

Eks Surġent u Teżorier Joseph Borda

Poeżija mill-pinna ta' eks S/M 524 Paul Cassar

**Il-Pulizija**

***Int terraqt u mxejt it-toroq***

***Fil-kesħa u fir-riħ***

***Fix-xemx taħraq jew fix-xita***

***Issa qiegħed hawn tistrieħ***

***U fid-dlam kemm kellek timxi***

***Kemm għajnejk inkwiet raw***

***Kemm-il darba biex tagħmel dmirek***

***Ma kemm saram idejk issaraw***

***Mela lilek ja qalbieni***

***Kif jistħoqqlok nagħtuk ġieħ***

***Ħadd mhu ser inaqqasulek***

***Issa għal dejjem fil-paċi strieħ***

---

**Informazzjoni**
Dokumenti meħtieġa għal meta jiġi nieqes xi membru tal-Korp li kien iħallas il-Police Mutual Help

Id-dokumenti kollha għandhom ikunu oriġinali jew kopji awtentikati minn avukat jew nutar pubbliku. Huwa importanti li fejn applikabbli, id-dokumenti kollha jinġiebu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, għaliex mingħajr dawn id-dokumenti l-pagament ma jinħariġx.

**Mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta**
- Ċertifikat tal-mewt tal-eks membru
- Ċertifikat taż-żwieġ tiegħu, jekk kien miżżewweġ jew kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni
- Ċertifikat tal-mewt ta' martu, jekk kien miżżewweġ u diġà armel
- Ċertifikati dwar tfittxija għal testment pubbliku

**Dokumenti oħra**

- Attestazzjoni tal-werriet/a mingħand nutar fejn jindika f'isem min irid jinħareġ il-pagament
- Ċertifikat dwar tfittxija għal testment sigriet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili għal Malta u Għawdex
- Kopja vera tat-testment tal-mejjet eks membru, jekk kien hemm
- Dikjarazzjoni minn persuna responsabbli li kienet taf sew lill-familja tal-mejjet, eż: kappillan, tabib, avukat eċċ., dwar min huma l-ulied tal-mejjet, jekk kien hemm, jew f'każ li ma kienx miżżewweġ, min huma ħutu u l-ġenituri tal-mejjet eks membru. Jekk hemm l-ulied taħt l-età, dawn għandhom jiġu indikati.

**Mizata**

Il-ħlas tal-miżata li huwa €5 fis-sena, jista' jsir fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa, kull nhar ta' Tnejn biss, bejn id-9.00hrs u nofsinhar, jew b'ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustawh f'dan l-indirizz.

M.A.R.P.O.<br>
P.O. Box 36<br>
Birkirkara

Wara tintbagħat irċevuta bil-posta

**Mill-Imgħoddi**

Ritratt tal-funeral tas-Supretendent tas-CID is-Sur Emanuel Calleja M.B.E., K.P.M. li kien miet fit-22 ta' Mejju 1952 fl-età ta' 53 sena.




Since 1972
Pace Fire Prevention
Fire Fighting & Security Equipment
Supply and installation of intruder alarms, CCTV Systems, Fire Alarms & Access Control
PIR sensor
Smoke Detector
LPG Gas sensor
Powder
CO2
Fire Extinguishers
Sales and Service Centre:
9, Vallendar, Dun Gwakkin Schembri Str, Qormi QRM 2790
next to Qormi Health Centre
Tel: 21 444924 • Mob: 99 424 449 • 99 444 924
E-mail: info@pacefire.com.mt www.pacefire.com.mt

AIM
ENTERPRISES LTD
AUTOMATION PARTS SUPPLIER
SYSTEM INTEGRATION ENGINEERS
ONSITE TECHNICAL SUPPORT
info@aim.com.mt
+356 21802828
54 Paola Hill, Paola
https://www.facebook.com/AimEnterprisesLtd
www.aim.com.mt

SOROTTO
J.B. Sorotto Limited Malta
Port Agency | Brokerage | Vessel Registration | Corporate Services
Est 1877
"Your maritime professionals"
www.jbsorotto.com.mt
info@jbsorotto.com.mt
Tel: +356 222 96 600
J. B. Sorotto Limited, Exchange Buildings, Republic Street, Valletta VLT 1117, Malta
J.B. Sorotto Limited is registered to act as a Company Service Provider by the Malta Financial Services Authority.


MedisunLandscapesLtd
Malta's Leading Landscaping Contractors
www.medisun.co info@medisun.co +356 2201 8000


ANIMAL WELFARE MALTA
NIDDEFENDU LIL DAWK
LI M'GHANDHOMX MIN JIDDEFENDIHOM
24/7 Ambulanza tal-Annimali
1717


Loyalty Gift Scheme
ROYAL CANIN
Claim fantastic gifts by simply collecting the coupons found at the side of each Royal Canin Bag. Cut off the coupon when the bag is finished and fill the empty coupon slots in the Royal Canin Gift Scheme booklet. You can claim your gifts from Borg Cardona & Co. Office in Ta' Qali ,every Monday from 09:30 am till 12:30 pm.
ROYAL CANIN
Loyalty Gift Scheme booklet


SUPPORT YOUR
PUPPY'S HEALTHY
DEVELOPMENT
ROYAL CANIN
PUPPY
MAXI
ROYAL CANIN
PUPPY
MINI
ROYAL CANIN
Labrador Retriever
ROYAL CANIN
Shih Tzu

# Rokna ta' tfal

Tpinġija mit-tfal




**Elle Farrugia - 9 snin**

*Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-pagna, permezz ta' kitba relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jaghmlu dan billi jaghmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq **magazine.police@gov.mt***


adidas



# Apprezzamenti

Mingħand il-Kommunità

**Dear Victoria Police Station**

I am so grateful to spend my holidays on an island where people are so kind and altruistic. Thanks for saving my holidays !

**Dear Sergeant Gabria Gatt,**

I would like to express my sincere appreciation and gratitude for the way you so capably handled a very delicate and problematic situation which had been going for several years

**Dear Ms Bartolo,**

Thank you so much for today's talk it was very fruitful. On behalf of my colleagues I would like to thank you for this. We really appreciate it.

Thanks once again for your very organised session,

**From a facebook post,**

Hi, I would like to voice my praise for the one female police officer that is often stationed in BOV San Gwann branch. She must greet hundreds of people a day for weeks and months on end and yet she still does it with a pleasent smile and exemplary politeness. She is one of those that does your uniform credit.

**From a facebook post,**

I want to thank police Sergeant Kevin Grima from the Birkirkara Police Station. I would not only like to commend him for doing his job but forgoing the extra mile in performing his duties. Thank you

**From a facebook post,**

Grazzi kbira lil Pulizija 1010 u 1413 ta' l-intervent f'waqtu li sar fil-ħanut tax-xorb hawnhekk go Bugibba.

# Obitwarju



**Ex Inspector**
**Alfred Zammit**
1944 – 2020
1964 - 1992



**Ex PC 1241**
**Saviour Degabriele**
1950 – 2020
1969 - 1978



**PC 1278**
**Paul Zammit (Serving)**
1968 – 2020
1987- 2020



**Ex PC 801 & 878**
**Emanuel Degiorgio**
1951 -2020
1979 – 1985 & 1992 – 2003



**Ex Insp. Domnic Attard,**
**RPC 3077 & RPC 3023 (Serving)**
1950-2020
1969 – 1994, 2014 - 2016 &
2016 – 2020



**Ex PS 1050 & 84**
**Carmel Pace**
1939 – 2021
1957 – 1983 & 1987 - 1989



**Ex PS 37**
**Anthony Borg**
1932 -2021
1955 – 1975



**Ex PC 211, RPC 210, RPC 3148 &**
**PC 124 Paul Mazzatelli**
1964 – 2021
1985 – 2010, 2014 – 2014,
2017 – 2020 & 2020 - 2020





**Ex PC 425**
**Thomas Hole**
1930 – 2021
1953 – 1974



**Ex PS 632 & 263**
**Anthony Gatt**
1939 - 2021
1957- 1983 & 1992 – 1996



**Ex PC 633 Emanuel Cutajar**
1935 – 2021
1957 – 1982



**Ex PS 58**
**Joe Grima**
1949 - 2021
1967 - 1978



**Ex PC 1115**
**Carmelo Pace**
1940 – 2021
1960 - 1985


SWITCH ON TO
HIGH YIELD
5.22%*
per annum
Start investing today with the Vilhena High Yield Fund
*Income return paid net of fees over the last 5 years
Talk to us | 2131 2020 | bovassetmanagement.com
Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. Any initial charges that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Vilhena Funds Prospectus, Offering Supplements and the Key Investor Information Document, which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c., Branches and Investment Centres and other licensed financial intermediaries. BOV Asset Management Limited is licensed to provide investment services in Malta by the Malta Financial Services Authority. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the Malta Financial Services Authority and qualifies as UCITS. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.
BOV
ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

NEPTUNE
CHARTER

# YACHT CHARTERS

Whatever your requirements, we can offer overnight charters for small groups, daytrips for larger groups up to 25 people on a traditional Luzzu, fishing charter, and also cabin cruise around the world.

**Contact us for special discounted rates**













S&D YACHTS
EST.1976

Bookings on:
+356 9905 8897
info@neptunemalta.com

ALL CHARTER RATES (VAT INCL.), ARE INCLUSIVE OF SKIPPER, FUEL TO COMINO AND BACK, AND FRESH WATER TO DRINK. ADDITIONAL CATERING CAN BE PROVIDED ON REQUEST. DAY CHARTER STARTS AT 10.00AM AND FINISHES AT 6.00PM. SUNSET CRUISE STARTS AT 7.00PM AND FINISHES AT 11.00PM